PARLAMENT TA' MALTA

Mistoqsijiet Parlamentari

Parlament Leġiżlatura XV

Seduta Numru 39

It-Tnejn, 16 ta' Novembru, 2026 fl-4:00 p.m.

MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI

KM MALTA AIRLINES – PILOTI – KUNDIZZJONIJIET ĠENERALI

352. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-kundizzjonijiet ġenerali tal-kuntratti offruti lill-piloti ġodda ma' KM Malta Airlines humiex differenti minn dawk li kienu japplikaw qabel?

25/06/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba mogħtija fil-mistoqsija parlamentari 4057.

Seduta Numru 39
16/11/2026

KM MALTA AIRLINES – KAPTANI/FIRST OFFICERS LI TELQU

353. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il kaptan u first officer b'esperjenza telqu minn KM Malta Airlines jew mill-predeċessur tagħha minn meta bdiet topera l-kumpanija?

25/06/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba mogħtija fil-mistoqsija parlamentari 4057.

Seduta Numru 39
16/11/2026

KM MALTA AIRLINES – ESPERJENZA OPERATTIVA

354. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid x'passi ttieħdu sabiex tinżamm l-esperjenza operattiva fi ħdan KM Malta Airlines?

25/06/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba mogħtija fil-mistoqsija parlamentari 4057.

Seduta Numru 39
16/11/2026

KM MALTA AIRLINES – ASSESSMENTS

355. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid jekk sarux assessments interni jew esterni dwar l-impatt li jista' jkollu t-tluq ta' piloti b'esperjenza fuq l-operat u s-sigurtà tal-linja tal-ajru KM Malta Airlines?

25/06/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba mogħtija fil-mistoqsija parlamentari 4057.

Seduta Numru 39
16/11/2026

KM MALTA AIRLINES – ASSESSMENTS – KONKLUŻJONIJIET

356. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jekk tassew saru assessments interni jew esterni dwar l-impatt li jista' jkollu t-tluq ta' piloti b'esperjenza fuq l-operat u s-sigurtà tal-linja tal-ajru KM Malta Airlines, jista' l-Ministru jgħid x'kienu l-konklużjonijiet tagħhom?

25/06/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba mogħtija fil-mistoqsija parlamentari 4057.

Seduta Numru 39
16/11/2026

KM MALTA AIRLINES – RETENTION STRATEGY

357. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid jekk KM Malta Airlines għandhiex retention strategy għall-piloti u membri oħra tal-ekwipaġġ?

25/06/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba mogħtija fil-mistoqsija parlamentari 4057.

Seduta Numru 39
16/11/2026

TRAPJANTI TAL-FWIED

2140. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Peress li pazjenti Maltin li jkollhom bżonn trapjant tal-fwied tradizzjonalment jintbagħtu barra minn Malta, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk hemmx il-kapaċità jew il-pjan li dawn it-trapjanti jibdew isiru fl-Isptar Mater Dei? Jekk iva, jista' jgħid meta hu mistenni li jibda dan is-servizz u jekk le, x'inhuma l-isfidi ewlenin li minħabba fihom għadu mhux possibbli li jiġi introdott?

23/07/2026

ONOR. IAN BORG: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-operazzjonijiet tat-trapjant tal-fwied isiru barra minn Malta minħabba l-fatt, li skont linji gwida internazzjonali, biex ċentru jkun jista joffri servizz bħal dan, huwa neċessarju li jagħmel mill-inqas 20 trapjant fis-sena - ir-rakkomandazzjoni hi li jsiru 30 trapjant fis-sena. Bħalissa f'pajjiżna jkun hemm bżonn ta' bejn tliet u ħames trapjanti tal-fwied fis-sena.

Seduta Numru 39
16/11/2026

L-ISPTAR MATER DEI – SERVIZZ TAL-KIRURĠIJA TAL-FWIED – INVESTIMENT

2141. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid x'investiment sar matul dawn l-aħħar snin sabiex fl-Isptar Mater Dei jkun jista' jiġi żviluppat is-servizz tal-kirurġija tal-fwied? Jista' jgħid ukoll x'investiment sar jew hu ppjanat f'apparat, infrastruttura, taħriġ ta' kirurgi u professjonisti oħra tas-saħħa, sabiex aktar operazzjonijiet tal-fwied ikunu jistgħu jsiru f'Malta u jonqos il-bżonn li pazjenti jintbagħtu barra minn pajjiżna?

23/07/2026

ONOR. IAN BORG: Ninforma lill-Onor. Interpellant li matul l-aħħar snin, żewġ kirurgi rċevew taħriġ ta' kwalità f'ċentri kbar fir-Renju Unit, l-Italja u l-Irlanda u għall-aħħar 5 snin l-operazzjonijiet tal-fwied (mhux trapjant) kważi kollha qed isiru Malta fl-isptar Mater Dei. Il-kirurgi li ġew ingaġġati qegħdin joffru servizz ta' kwalità kif jixhdu r-riżultati miksuba. Fl-aħħar sena, iż-żewġ kirurgi kienu qed jitħarrġu biex ikunu jistgħu iwettqu dawn l-operazzjonijiet permezz tal-aħħar teknoloġija, jiġifieri permezz tal-użu tar-robotika li toffri iktar preċiżjoni waqt l-operazzjoni u b'riżultati superjuri. Huwa maħsub li fis-sentejn li ġejjin se jkun kemm kirurgu/a li se j/tkun qiegħed j/titħarreġ fil-kirurġija tal-fwied f ċentri barra minn Malta. Bħala investiment, it-teatri tal-isptar Mater Dei huma attrezzati bl-aħħar infrastruttura neċessarja għal operazzjonijiet tal-fwied. Inxtrat strumentatura apposta kif ġie rakkomandat mill-kirurgi nnifishom.

Seduta Numru 39
16/11/2026

FORMULARJU TAL-GVERN – MEDIĊINA PROLIA

2142. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk hemmx ħsieb li l-Prolia (denosumab) jew il-verżjoni ġenerika tagħha tiddaħħal fil-Formolarju tal-Gvern?

23/07/2026

ONOR. IAN BORG: Ninsab infurmat li kull mediċina proposta għall-Formolarju tal-Gvern tgħaddi minn proċess ta' evalwazzjoni strutturat. L-introduzzjoni tad-denosumab qed tiġi kkunsidrata f'dan il-qafas, b'segwitu għall-verifiki tekniċi, ekonomiċi u legali kollha meħtieġa.

Seduta Numru 39
16/11/2026

PAIN CLINIC – INJECTIONS/INTERVENTI

2143. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid liema tip ta' injections u interventi qed jiġu offruti mill-Pain Clinic?

23/07/2026

ONOR. IAN BORG: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Pain Clinic toffri servizz multidixxiplinari u komprensiv fl-isptar Mater Dei, fiċ-Ċensu Moran Paola Hub, fl-isptar San Vinċenz de Paule u fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex għall-uġigħ akut u kroniku, uġigħ tal-kanċer, u kura paljattiva u kura oħra meta l-pazjent ikun wasal fl-aħħar żmien ta' ħajtu.
Komponent ewlieni huwa l-immaniġġjar intervenzjonali tal-uġigħ, inkluż firxa wiesgħa ta' injezzjonijiet iggwidati minn landmark, ultrasound u fluworoskopija bħal injezzjonijiet epidurali, fl-għeruq tan-nervituri, fil-faċċetti u fil-ġogi sakroiljaċi, blokki tan-nervituri periferali u simpatetiċi, injezzjonijiet fil-ġogi/bursali u trigger-point, flimkien ma' proċeduri ta' radjufrekwenza u newrolitiċi.
Is-servizz jipprovdi wkoll konsultazzjonijiet speċjalizzati, medication optimisation, infużjonijiet ta' ketamine/lignocaine, u neuromodulation avvanzata.

Seduta Numru 39
16/11/2026

BUĠIBBA – TRIQ IT-TRUNĊIERA – SPEED MODERATORS

2148. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx il-ħsieb li jerġgħu jiġu installati ż-żewġ speed moderators (sleeping policemen) li kienu jinsabu fi Triq it-Trunċiera, waħda fuq kull naħa tal-Pjazza ta' Buġibba, u li tneħħew sabiex setgħu jitwettqu x-xogħlijiet fl-istess pjazza? Jekk iva, jista' jgħid meta huwa ppjanat li dawn jerġgħu jiġu installati?

23/07/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din ir-risposta ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 39
16/11/2026

PERSUNI B'DIŻABILITÀ – APPLIKAZZJONIJIET GĦAL PARKING BAY RISERVAT – PROĊEDURA TAL-APPELLI

2149. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi l-proċedura sabiex persuna tappella minn deċiżjoni li biha tiġi miċħuda applikazzjoni għal parking bay riservat għal persuna b'diżabilità, u min jiddeċiedi dawn l-appelli?

23/07/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din ir-risposta ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 39
16/11/2026

AKKOMODAZZJONI SOĊJALI – KUNTRATTI FFIRMATI

2399. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew iffirmati kuntratti għal units tal-akkomodazzjoni soċjali mill-1 ta' Jannar 2024 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar?

03/08/2026

ONOR. OWEN BONNICI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li, mill-2024 sal-aħħar ta' Settembru, ġew iffirmati 1,162 kuntratt ġdid.

Seduta Numru 39
16/11/2026

AKKOMODAZZJONI SOĊJALI – CONDOMINIUMS – RAPPORTI TA' MĠIBA ĦAŻINA

2400. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm rapporti ta' mġiba ħażina f'binjiet tal-akkomodazzjoni soċjali marbuta ma' condominiums?

03/08/2026

ONOR. OWEN BONNICI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li, sabiex tingħata t-tweġiba meħtieġa, huwa mitlub jispeċifika l-perjodu jew is-sena li għalihom jirreferi n-numru mitlub.

Seduta Numru 39
16/11/2026

KAŻIJIET TA' ŻGUMBRAMENT

2401. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm saru każijiet ta' żgumbrament mill-1 ta' Jannar 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

03/08/2026

ONOR. OWEN BONNICI: Sabiex tkun tista' tingħata tweġiba preċiża għall-mistoqsija parlamentari, l-Onor. Interpellant huwa mitlub jispeċifika għal liema tip ta' każijiet ta' żgumbrament qed jirreferi.

Seduta Numru 39
16/11/2026

AWTORITÀ TAD-DJAR – ŻJARAT FL-UFFIĊINI

2402. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna żaret l-uffiċini tal-Awtorità tad-Djar mill-2024 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena?

03/08/2026

ONOR. OWEN BONNICI: It-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta Numru 39
16/11/2026

AKKOMODAZZJONI SOĊJALI – APPLIKAZZJONIJIET MHUX PROĊESSATI

2403. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm applikazzjonijiet għall-akkomodazzjoni soċjali li ma setgħux jiġu pproċessati minn Jannar 2024 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

03/08/2026

ONOR. OWEN BONNICI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li minn Jannar 2024 , kien hemm 1,251 applikazzjonijiet li ma setgħux jiġu pproċessati peress li ma kinux jissodisfaw il-kriterji stabbiliti għall-eliġibbiltà. Barra minn hekk, kien hemm każijiet oħra li għadhom fil-proċess ta' verifika u evalwazzjoni, kif ukoll każijiet li ġew riferuti lill-Bord ta' Reviżjoni wara li tressqu oġġezzjonijiet mill-applikanti u li għadhom qed jistennew deċiżjoni**.**

Seduta Numru 39
16/11/2026

AWTORITÀ TAD-DJAR – TISWIJIET TA' DJAR

2404. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm saru tiswijiet ta' djar li jaqgħu taħt l-Awtorità tad-Djar, minn Jannar 2024 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena?

03/08/2026

ONOR. OWEN BONNICI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-Tabella li qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra, li tinkludi rendikont ta' kull sena minn Jannar 2024 sa Ottubru 2026.

Seduta Numru 39
16/11/2026

QTUGĦ TA' DAWL – IMPATT EKONOMIKU

2704. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk hux se ssir valutazzjoni tal-impatt ekonomiku tal-qtugħ fil-provvista tal-elettriku fuq ristoranti, lukandi, farmhouses, ħwienet u negozji oħra f'Għawdex, partikolarment meta l-inċident seħħ fl-eqqel tal-istaġun turistiku?

17/09/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2686.

Seduta Numru 39
16/11/2026

KOMUNIKAZZJONI PUBBLIKA

2705. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid f'liema ħin l-Enemalta saret taf bl-ewwel ħsara, f'liema ħin ġie infurmat il-Ministeru u f'liema ħin inħarġet l-ewwel komunikazzjoni pubblika li spjegat il-kobor tal-problema?

17/09/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2686.

Seduta Numru 39
16/11/2026

OUTAGE MAP

2706. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk is-sistema attwali tal-Enemalta biex tinforma lill-pubbliku permezz tal-outage map, SMS u customer care, tatx informazzjoni adegwata u f'waqtha lir-residenti ta' Għawdex matul l-inċident tal-qtugħ fil-provvista tal-elettriku fit-28 u fid-29 ta' Awwissu 2026?

17/09/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2686.

Seduta Numru 39
16/11/2026

GĦAWDEX – INFRASTRUTTURA TAL-ELETTRIKU

2707. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk hux se tordna independent technical review tal-infrastruttura kollha li tipprovdi l-elettriku lil Għawdex, inklużi t-tliet feeders ta' 33kV, id-Distribution Centres u s-sistema ta' emergency backup?

17/09/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2686.

Seduta Numru 39
16/11/2026

GĦAWDEX – CABLES JEW SUPPLY ROUTE ADDIZZJONALI

2708. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk il-Gvern hux qed jikkunsidra cable jew supply route addizzjonali lejn Għawdex biex jiżdied il-livell ta' redundancy? Jekk iva, x'inhi l-kapaċità prevista, l-ispiża stmata u meta tista' tkun operattiva?

17/09/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2686.

Seduta Numru 39
16/11/2026

GĦAWDEX – QTUGĦ TA' DAWL – INTERVENTI

2709. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid liema interventi konkreti se jitlestew qabel is-sajf tal-2027 biex jitnaqqas ir-riskju li Għawdex jerġa' jesperjenza qtugħ fil-provvista tal-elettriku fuq skala simili?

17/09/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2686.

Seduta Numru 39
16/11/2026

VETTURI AWTONOMI/DRIVERLESS TAXIS

2942. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Fid-dawl tat-tħabbira riċenti tal-kumpanija, li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament, li qed tippjana li tintroduċi mill-inqas 25,000 vettura kompletament awtonoma f'diversi pajjiżi u bliet Ewropej, jista' l-Ministru jgħid jekk Malta hijiex fost il-pajjiżi kkunsidrati għal dan is-servizz? Jista' jgħid ukoll:
i. jekk xi operatur ieħor kellhomx kuntatt mal-Gvern jew ma' Transport Malta dwar testing jew introduzzjoni ta' driverless taxis/robotaxis f'Malta;
ii. jekk saritx jew hix qed issir xi evalwazzjoni regolatorja, ta' sigurtà u ta' impatt ekonomiku fuq is-settur tat-taxis u Y-plates;
iii. jekk il-Gvern hux se jikkonsulta mas-sewwieqa u l-operaturi qabel tittieħed kwalunkwe deċiżjoni dwar l-introduzzjoni kummerċjali ta' dawn il-vetturi; u
iv. jekk hemm xi kuntatt jew dokumentazzjoni dwar dan u jekk iva, iqiegħed kopja tagħha fuq il-Mejda tal-Kamra?

23/09/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din ir-risposta ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 39
16/11/2026

SUWIĊIDJI – LULJU 2026

2982. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm suwiċidji f'Lulju 2026 u x'kienu l-etajiet jew age brackets ta' dawn il-persuni?

29/09/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li kien matul Lulju kien hemm seba' (7) każi, bl-etajiet ivarjaw bejn l-14 u l-64 sena.

Seduta Numru 39
16/11/2026

SUWIĊIDJI – MISTOQSIJIET PARLAMENTARI

2983. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid għaliex il-mistoqsijiet parlamentari dwar suwiċidji jitwieġbu mill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà minflok mill-Ministru għas-Saħħa?

29/09/2026

ONOR. IAN BORG: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 32498 tal-Leġislatura XIV li kienet ingħatatilha fit-3 ta' Diċembru 2025.

Seduta Numru 39
16/11/2026

PACEVILLE U S-SWIEQI – ŻIEDA FIS-SIGURTÀ

2984. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Fid-dawl ta' bosta inċidenti li jinvolvu turisti f'Paceville u s-Swieqi, jista' l-Ministru jgħid x'miżuri qed jittieħdu biex tiżdied is-sigurtà f'dawn il-lokalitajiet?

29/09/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għall-mistoqsijiet parlamentari illi għamlu l-kollegi tagħha fuq l-istess materja, senjatament 3813, 4172 u 1464.

Seduta Numru 39
16/11/2026

IL-KORP TAL-PULIZIJA – MEMBRI

2985. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm membri fil-Korp tal-Pulizija fil-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

29/09/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Ninsab infurmat li, sal-aħħar ta' Ottubru 2026, it-total ta' membri fil-Korp tal-Pulizija kien ta' elfejn, tliet mija u erbgħa u sittin (2,364) uffiċjal. Ma' dawn kien hemm ukoll tliet mija u sebgħa u disgħin (397) impjegat ċivili.

Seduta Numru 39
16/11/2026

IL-KORP TAL-PULIZIJA – MEMBRI – ĊERTIFIKATI TAL-FIRST AID

2986. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid kemm mill-membri li hemm fil-Korp tal-Pulizija sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari għandhom ċertifikat validu (mhux skadut) tal-First Aid?

29/09/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Ninsab infurmat li, sal-aħħar ta' Ottubru 2026, in-numru ta' uffiċjali fi ħdan il-Korp tal-Pulizija li huma ċċertifikati bħala First Aiders huwa ta' 723.

Seduta Numru 39
16/11/2026

IL-KORP TAL-PULIZIJA – MEMBRI – MENTAL HEALTH FIRST AIDERS

2987. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid kemm mill-membri li hemm fil-Korp tal-Pulizija sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari huma ċċertifikati bħala Mental Health First Aiders?

29/09/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Risposta tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 39
16/11/2026

NATIONAL TRANSPORT MASTER PLAN 2030 - RECOMMENDATIONS

3148. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: With reference to the reply to parliamentary question 1878 regarding the National Transport Master Plan 2030, can the Minister in detail state which recommendations have been implemented and which have not yet been implemented?

06/10/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din ir-risposta ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 39
16/11/2026

VETTURI ĠODDA REĠISTRATI

3149. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1882 u jgħid kemm ġew irreġistrati vetturi ġodda mill-2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena u skont il-kategorija tagħhom?

06/10/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din ir-risposta ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 39
16/11/2026

VETTURI LIĊENZJATI GĦAL KULL KILOMETRU KWADRU

3150. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1883 u jgħid kemm hemm vetturi liċenzjati għal kull kilometru kwadru f'Malta u kif din iċ-ċifra titqabbel mal-medja tal-Unjoni Ewropea?

06/10/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-istatistika fl-Ewropa ma tinġabarx b'dan il-mod.

Seduta Numru 39
16/11/2026

TA' QALI - DAWL PUBBLIKU U SIGURTÀ TAL-PERSUNI MEXJIN

3338. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Fid-dawl ta' tħassib imressaq minn residenti dwar viżibilità baxxa billejl fiż-żona ta' Ta' Qali, tista' l-Ministru tgħid:
i. liema entità hija responsabbli mid-dawl pubbliku fit-toroq, il-passaġġi pedonali u l-parkeġġi tal-Park Nazzjonali u ta' madwaru;
ii. meta saret l-aħħar spezzjoni tad-dawl u valutazzjoni tas-sigurtà tal-persuni li jkunu mixjin, u x'nuqqasijiet ġew identifikati;
iii. liema tiswijiet jew titjib fid-dawl huma ppjanati, x'baġit ġie allokat u meta ser jitlestew; u
iv. jekk saritx valutazzjoni, flimkien ma' Transport Malta u l-Pulizija, tal-ħtieġa għall-passaġġi u punti ta' qsim imdawla aħjar u miżuri biex titnaqqas il-veloċità tal-vetturi?
Tista' wkoll tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja ta' kwalunkwe rapport jew valutazzjoni rilevanti?

08/10/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Ġentilment nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel il-mistoqsija tiegħu lill-Ministeru konċernat.

Seduta Numru 39
16/11/2026

TA' QALI - SEWQAN PERIKOLUŻ U INFURZAR BILLEJL

3339. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid x'azzjoni qed tittieħed dwar rapporti ta' residenti dwar allegat tlielaq bil-karozzi, sewqan perikoluż u storbju minn vetturi fiż-żona ta' Ta' Qali, li skont dawn ir-rapporti jibqgħu għaddejjin sas-siegħa ta' filgħodu?
Jista' jagħti, għal dawn l-aħħar tnax-il xahar, maqsuma xahar b'xahar:
i. in-numru ta' rapporti li rċeviet il-Pulizija dwar dawn l-abbużi;
ii. in-numru ta' rondi u operazzjonijiet ta' infurzar li saru bejn it-tmienja ta' filgħaxija u s-sagħtejn ta' filgħodu; u
iii. n-numru ta' kontravenzjonijiet maħruġa u każijiet li tressqu l-Qorti, skont it-tip ta' ksur?
Jista' jgħid ukoll jekk l-infurzar f'dawn il-ħinijiet hux ser jissaħħaħ u x'miżuri immedjati se jittieħdu biex jitħarsu r-residenti u l-persuni li jiffrekwentaw iż-żona?

08/10/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Ninsab infurmat li bejn Novembru 2025 u Ottubru 2026, il-pulizija intervjeniet mija u erbatax-il darba (114).
B'riżultat tal-infurzar, tressqu tmien akkużi relatati ma' sewqan perikoluż f'Ta' Qali u l-inħawi tal-madwar, kif ukoll inħarġu diversi ċitazzjonijiet għal kontravenzjonijiet tat-traffiku, fosthom sewqan taħt l-influwenza tax-xorb u sewqan mingħajr liċenzja valida. F'każ wieħed, is-sewwieq ġie mmultat €1,000 u l-liċenzja tiegħu ġiet sospiża għal tliet xhur.
Il-Pulizija ser tkompli bl-ispezzjonijiet u r-rondi f'din iż-żona sabiex tindirizza kwalunkwe inkonvenjent.

Seduta Numru 39
16/11/2026

ATTRAZZJONIJIET TURISTIĊI U L-BAJJIET EWLENIN TA' MALTA – AĊĊESSIBBILTÀ GĦALL-PERSUNI B'DIŻABILITÀ – EVALWAZZJONI

3818. L-ONOR. ALEX PERICI CALASCIONE staqsa lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid jekk il-Gvern għamilx evalwazzjoni speċifika dwar l-aċċessibbiltà tal-attrazzjonijiet turistiċi u l-bajjiet ewlenin ta' Malta għall-persuni b'diżabilità? Jekk fl-affermattiv, tista' tqiegħed ir-riżultati ta' din l-evalwazzjoni fuq il-Mejda tal-Kamra u fin-nuqqas ta' dan, tinforma jekk hemmx intenzjoni li tali evalwazzjoni ssir?

19/10/2026

ONOR. JULIA FARRUGIA: Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 39
16/11/2026

SITI TA' WIRT KULTURALI – VIŻITATURI

3819. L-ONOR. ALEX PERICI CALASCIONE staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il viżitatur żar kull sit ewlieni ta' wirt kulturali jew storiku mmexxija mill-Istat matul l-ewwel sitt xhur tal-2026 u xi dħul iġġenera kull sit?

19/10/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi fl-ewwel sitt xhur tas-sena 2026 aktar minn miljun viżitatur żaru s-siti ewlenin ta' wirt kulturali u storiku f'Malta u Għawdex, amministrati minn Heritage Malta, li bejniethom iġġeneraw kważi sitt miljun ewro fi dħul.

Seduta Numru 39
16/11/2026

WIRT KULTURALI – KONSERVAZZJONI/MANUTENZJONI – INVESTIMENT MID-DĦUL RELATAT MAT-TURIŻMU

3820. L-ONOR. ALEX PERICI CALASCIONE staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid liema proporzjon tad-dħul relatat mat-turiżmu li jingabar mill-Gvern jerġa' jiġi investit direttament fil-konservazzjoni u l-manutenzjoni tal-wirt kulturali ta' Malta?

19/10/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Gvern jibqa' kommess li jinvesti b'mod kontinwu fil-ħarsien, il-konservazzjoni, ir-restawr u l-manutenzjoni tal-wirt kulturali u storiku ta' pajjiżna, u dan ma jagħmlux biss mid-dħul relatat mat-turiżmu.

Seduta Numru 39
16/11/2026

HERITAGE MALTA - SITI STORIĊI - TFASSIL TA' PROĠETTI TA' RESTAWR

4316. L-ONOR. MARILENA GAUCI staqsiet lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid jekk waqt it-tfassil ta' proġetti ta' restawr f'siti storiċi taħt il-kura ta' Heritage Malta jiġux evalwati soluzzjonijiet li jtejbu l-aċċessibbiltà filwaqt li jipproteġu l-integrità arkitettonika u l-potenzjal tas-sit bħala location għall-films?

26/10/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li waqt it-tfassil ta' proġetti ta' restawr fis-siti storiċi taħt il-kura tagħha, Heritage Malta tevalwa soluzzjonijiet li jtejbu l-aċċessibbiltà, filwaqt li tassigura l-ħarsien tal-integrità arkitettonika, storika u kulturali ta' dawn is-siti, skont il-prinċipji internazzjonali tal-konservazzjoni.

L-għan ewlieni ta' dawn l-interventi huwa l-konservazzjoni tal-wirt storiku u t-titjib tal-esperjenza tal-viżitaturi, filwaqt li kwalunkwe użu ieħor tas-siti għandu jkun kompatibbli mal-ħarsien u l-karatteristiċi tagħhom.

Seduta Numru 39
16/11/2026

HERITAGE MALTA - INSTALLAZZJONI TA' SISTEMI MODERNI

4317. L-ONOR. MARILENA GAUCI staqsiet lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid jekk Heritage Malta għandhiex standards jew rakkomandazzjonijiet dwar l-installazzjoni ta' sistemi tad-dawl, cables, tagħmir elettriku u sistemi oħra moderni f'siti storiċi, sabiex dawn ikunu kemm jista' jkun diskreti u ma jnaqqsux il-valur storiku jew viżiv tas-sit?

26/10/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: Filwaqt li nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 4287, ninfurmaha li Heritage Malta tibbaża t-tfassil u l-implimentazzjoni tal-proġetti ta' restawr fuq prinċipji internazzjonalment rikonoxxuti fil-qasam tal-konservazzjoni, fosthom dawk stabbiliti mill-ICOMOS.

F'dan il-kuntest, l-installazzjoni ta' sistemi moderni, inkluż tagħmir tad-dawl u infrastruttura elettrika, tiġi kkunsidrata fid-dawl tal-ħtieġa li jitħares il-valur storiku, arkitettoniku u viżiv tas-siti, filwaqt li jiġu rispettati l-prinċipji ta' intervent minimu, kompatibbiltà u riversibbiltà fejn dan ikun teknikament possibbli.

Seduta Numru 39
16/11/2026

HERITAGE MALTA - VALUTAZZJONIJIET TA' PROĠETTI MAĠĠURI

4318. L-ONOR. MARILENA GAUCI staqsiet lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid jekk wara t-tlestija ta' proġetti maġġuri ta' restawr fuq siti storiċi taħt Heritage Malta, issirx valutazzjoni tal-interventi li jkunu saru biex jiġi stabbilit jekk dawn laħqux l-għanijiet ta' konservazzjoni, aċċessibbiltà u użu futur tas-sit?

26/10/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li wara t-tlestija ta' proġetti maġġuri ta' restawr fis-siti storiċi taħt il-kura tagħha, Heritage Malta tkompli ssegwi u tevalwa l-effettività tal-interventi mwettqa, partikolarment fir-rigward tal-konservazzjoni, l-aċċessibbiltà u l-użu futur tas-siti.
F'ċerti siti jiġu installati wkoll sistemi ta' monitoraġġ sabiex tinġabar informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet klimatiċi u l-impatt tagħhom fuq il-binjiet u l-ambjent storiku.

Seduta Numru 39
16/11/2026

HERITAGE MALTA - MANUTENZJONI TA' ELEMENTI MODERNI F'SITI STORIĊI

4319. L-ONOR. MARILENA GAUCI staqsiet lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid min hu responsabbli għall-manutenzjoni ta' sistemi tad-dawl, cables, tagħmir tekniku u elementi moderni oħra installati waqt proġetti ta' restawr f'siti ta' Heritage Malta, u jekk hemmx proċedura sabiex dawn jiġu sostitwiti jew aġġornati mingħajr ħsara lill-istrutturi storiċi?

26/10/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-manutenzjoni tas-sistemi u l-elementi moderni installati fis-siti taħt il-kura ta' Heritage Malta ssir skont l-obbligi u l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-kuntratti rispettivi, kif ukoll permezz tal-ħaddiema tekniċi tal-Aġenzija.

Dawn il-ħaddiema għandhom it-taħriġ meħtieġ sabiex l-interventi ta' manutenzjoni jitwettqu b'mod li jirrispetta l-karatteristiċi u l-valur storiku tas-siti, filwaqt li jitħarsu l-prinċipji tal-konservazzjoni.

Seduta Numru 39
16/11/2026

AWTORITÀ TAL-IPPJANAR - KONSULTAZZJONI MAL-KUMMISSJONI MALTIJA GĦALL-FILMS

4320. L-ONOR. MARILENA GAUCI staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk fil-proċess tal-evalwazzjoni ta' applikazzjonijiet għal interventi f'siti storiċi li huma magħrufa għall-użu tagħhom bħala locations għall-films, l-Awtorità tal-Ippjanar tikkonsultax mal-Kummissjoni Maltija għall-Films dwar l-impatt potenzjali tal-interventi fuq dan l-użu?

26/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: L-Awtorità tal-Ippjanar tiċċara illi l-attivitajiet relatati mal-ġbid ta' films huma regolati permezz tal-Ordni dwar in-Notifikazzjoni tal-Iżvilupp (Development Notification Order), skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 552.08 tal-Liġijiet ta' Malta, b'mod partikolari l-Klassi 19 – Filming and Activities. Din il-leġiżlazzjoni tistabbilixxi l-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti applikabbli għal kull klassi ta' żvilupp, inklużi l-konsultazzjonijiet u l-approvazzjonijiet meħtieġa mill-entitajiet kompetenti.
Fil-każ ta' interventi f'siti ta' valur storiku jew kulturali, l-Awtorità tirrikjedi li l-applikant jissottometti l-approvazzjoni (clearance) tas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali matul il-proċess tal-evalwazzjoni tal-applikazzjoni, sabiex jiġi żgurat li l-interventi proposti jkunu ġew ikkunsidrati mill-awtorità responsabbli mill-ħarsien tal-wirt kulturali.

Seduta Numru 39
16/11/2026

SITI STORIĊI - PERMESSI TA' ŻVILUPP - PRESERVAZZJONI TA' KARATTERISTIĊI ARKITETTONIĊI U VIŻIVI

4321. L-ONOR. MARILENA GAUCI staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-permessi ta' żvilupp għal interventi f'siti storiċi jistgħux jinkludu kundizzjonijiet speċifiċi dwar il-preservazzjoni ta' karatteristiċi arkitettoniċi u viżivi li huma rilevanti għall-użu tas-sit bħala location għall-films? Jekk iva, jista' jagħti eżempji ta' dawn il-kundizzjonijiet?

26/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Kull permess għall-iżvilupp jinkludi sett ta' kundizzjonijiet standard, però jista' jinkludi ukoll kundizzjonijiet speċifiċi relatati mas-sit in kwistjoni. Ir-rilevanza tal-użu tas-sit bħala location għall-films m'hix konsiderazzjoni li normalment titqies waqt il-proċess tal-ippjanar sakemm l-applikazzjoni innifisha ma tkunx relatata mal-użu tas-sit għall-filming.
Kundizzjonijiet speċifiċi dwar preservazzjoni ta' karatteristiċi arkitettoniċi jinkludu monitoraġġ tax-xogħlijiet, garanziji bankarji u kundizzjonijiet minn entitajiet esterni bħas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali. Garanziji ivarjaw minn €700 sa €23,000 bħala ammonti standard filwaqt li l-ammonti jistgħu jiżdiedu jew jonqsu jekk ikun hemm karatteristiċi partikolari.

Seduta Numru 39
16/11/2026

PROĠETTI KOMUNITARJI – PROĠETTI MHUX MIBDIJA

4509. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid kemm mill-proġetti komunitarji previsti għall-2026 għadhom ma nbdewx? Tista' wkoll tindika r-raġuni għaliex għadhom ma nbdewx u meta huwa previst li jibdew?

28/10/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-proġetti kollha li sad-29 ta' Ottubru 2026 ma laħqux saru fl-ewwel Framework Agreement, se jkunu qed isiru fil-Framework il-ġdid (2026-2028) mill-aħħar ta' Novembru 'l quddiem u bi ftehim mal-Kunsilli Lokali malli jingħata l-kuntratt il-ġdid.

Seduta Numru 39
16/11/2026

TA' QALI – PARK NAZZJONALI – MASTERPLAN

4510. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid kemm mill-Masterplan tal-Park Nazzjonali f'Ta' Qali, li l-ispiża kapitali tiegħu mistennija tilħaq madwar €68 miljun, ġie effettivament implimentat? Tista' wkoll tagħti rendikont tal-fażijiet li tlestew, dawk li għadhom għaddejjin u l-ispiża effettiva sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

28/10/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li 75% tax-xogħol fil-Park Nazzjonali issa tlesta. Il-fażijiet huma r-riġenerazzjoni u t-tkabbir tal-Adventure Park, ir-riġenerazzjoni u t-tkabbir ta' 250,000 metru kwadru tal-ġnien ewlieni, it-twaqqiegħ tal-bini illegali ta' kumpanija tal-konkrit u minfloku l-bini taż-żona tal-kunċerti, il-bini u tlestija tal-multi-storey carpark li jesa' 'l-fuq minn 500 karozza, kif ukoll l-ewwel fażi tar-riġenerazzjoni tal-picnic area. Għal dawn ix-xogħlijiet li tlestew, l-ispiża kapitali tlaħħaq €46 miljun.

Seduta Numru 39
16/11/2026

TA' QALI – PARK NAZZJONALI – JOGGING U CYCLING TRACKS

4511. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid f'liema stadju jinsabu x-xogħlijiet tal-jogging track u s-cycling track fil-Park Nazzjonali f'Ta' Qali? Tista' wkoll tindika d-data prevista għat-tlestija u l-ispiża ta' dawn ix-xogħlijiet?

28/10/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħol relatat mal-proġett tal-jogging track u cycling track jinsab fl-aħħar fażijiet tal-proċess tal-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar. Id-data għat-tlestija hi marbuta mal-ħruġ tal-permess. Hu stmat li l-ispiża ser titla' madwar €6 miljun.

Seduta Numru 39
16/11/2026

SERVIZZ TAL-HOME CARE – LISTA TA' STENNIJA

4512. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm persuni fil-lista ta' stennija għas-servizz tal-Home Care, skont l-aħħar ċifri disponibbli?
Jista' jgħid ukoll kemm minnhom ilhom jistennew:
i. inqas minn tliet xhur;
ii. bejn tliet xhur u sitt xhur;
iii. bejn sitt xhur u sena; jew
iv. aktar minn sena?
Jista' jgħid ukoll x'inhu l-itwal żmien li persuna ilha tistenna?

28/10/2026

ONOR. IAN BORG: Ninsab infurmat li ma hemm l-ebda servizz bl-isem ta' Home Care taħt il-Ministeru għas-Saħħa. Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex tiċċara għal liema skema qed tirreferi.

Seduta Numru 39
16/11/2026

RAĦAL ĠDID – TRIQ GĦAJN DWIELI – XOGĦLIJIET U NFIQ

4513. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienet l-ispiża totali għax-xogħol ta' resurfacing ta' Triq Għajn Dwieli, (li tgħaqqad Raħal Ġdid mal-Kottonera), li sar qabel l-aħħar ta' Mejju 2026? Fid-dawl li l-wiċċ tat-triq qed jerġa' jitħaffer biex isiru xogħlijiet mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (WSC), jista' jgħid kemm hi l-ispiża stmata biex din it-triq terġa' tiġi asfaltata u rrestawrata għall-istat li kienet fih wara r-resurfacing riċenti? Jista' jgħid ukoll jekk din hix ser titħallas minn Infrastructure Malta jew mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma u jekk le, min se jħallas?

28/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Fir-rigward tal-ewwel parti tal-mistoqsija, nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3090. Għat-tieni parti, nitlob lill-Onor. Interpellant tagħmel il-mistoqsija tagħha lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 39
16/11/2026

IL-FRONT TA' BUĠIBBA - SISTEMA TAD-DRENAĠĠ - XOGĦLIJIET

4515. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid meta hu mistenni li jsir ix-xogħol meħtieġ fuq is-sistema tad-drenaġġ fuq il-front ta' Buġibba, bejn Triq San Xmun u Triq ix-Xitwa, biex jiġi assigurat li l-ħsara li hemm tiġi msewwija kemm jista' jkun malajr?

28/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninsab infurmata li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma ma rriżultalhiex li kien hemm ħsarat fis-sistema tad-drenaġġ fiż-żona indikata.

Seduta Numru 39
16/11/2026

IL-BUSKETT U L-BANK ĠENETIKU NAZZJONALI – RIĊERKA

4552. L-ONOR. TONI BEZZINA staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid x'riċerka saret fuq il-varjetajiet indiġeni ta' dwieli u pjanti oħra fil-Buskett u fil-Bank Ġenetiku Nazzjonali?

28/10/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li fl-2021 ġiet stabbilita kollezzjoni ta' varjetajiet ta' dwieli Maltin fiċ-Ċentru għall-Vitikoltura u l-Enoloġija fil-Buskett, bil-għan li dawn il-varjetajiet jiġu kkonservati u studjati. Matul l-2024, żewġ varjetajiet indiġeni tad-dwieli, il-Girgentina u l-Ġellewża, ġew inklużi fil-Katalgu Nazzjonali tal-Varjetajiet.

Saret ukoll identifikazzjoni preliminari ta' kloni ta' varjetajiet indiġeni miżmuma fil-kollezzjonijiet taċ-Ċentru għall-Vitikoltura u l-Enoloġija fil-Buskett u fil-Bank Ġenetiku Nazzjonali f'Ħal Lija. Permezz tal-Laboratorju tal-Bijoteknoloġija, għaddejja riċerka bil-għan li jiġu stabbiliti kloni ħielsa mill-mard ta' diversi varjetajiet lokali tad-dwieli, sabiex dawn ikunu jistgħu eventwalment jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tas-suq lokali.

Fl-istess waqt, għaddejjin ukoll studji fenotipiċi sabiex varjetajiet lokali oħra eżistenti jiġu kkaratterizzati fid-dettall, bil-għan li jkunu jistgħu jiġu inklużi fil-Katalgu Nazzjonali tal-Varjetajiet u jingħataw valur akbar.

Seduta Numru 39
16/11/2026

SKEMA TA' TQASSIM TA' SIĠAR TAL-FROTT INDIĠENI

4553. L-ONOR. TONI BEZZINA staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid kemm tqassmu siġar tal-frott indiġeni lill-bdiewa ġenwini u bdiewa żgħażagħ sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll kemm bdiewa gawdew minn din l-iskema?

28/10/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li matul l-avvenimenti organizzati mill-Ministeru matul din is-sena, tqassmu b'kollox 450 siġra tat-tut iswed (*Morus nigra*) lil 125 individwu.

Ninfurmah ukoll li l-Gvern, b'konformità mal-Miżura 14 tal-Manifest Elettorali 2026, li tifforma parti mill-Programm ta' Ħidma tal-Gvern għal din il-leġiżlatura, se jkompli jsaħħaħ il-preservazzjoni tal-bijodiversità lokali permezz tat-tqassim ta' aktar siġar tal-frott indiġeni mingħajr ħlas.

F'dan ir-rigward, il-Ministeru qiegħed ifassal pjan sabiex matul l-2027 jitqassmu aktar siġar tal-frott indiġeni lill-bdiewa, lis-sidien tar-raba', lill-kunsilli lokali u lill-iskejjel, skont il-kriterji ta' eliġibilità rispettivi. Din l-inizjattiva se tkompli tiġi implimentata matul din il-leġiżlatura bil-għan li tissaħħaħ l-identità agrikola u kulturali ta' pajjiżna.

Seduta Numru 39
16/11/2026

AĊĊESS GĦAL SPIERI PUBBLIĊI LILL-BDIEWA

4554. L-ONOR. TONI BEZZINA staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm individwi li ngħataw aċċess ikkontrollat għal spieri pubbliċi li m'għadhomx jintużaw fejn għad m'hemmx provvista diretta ta' New Water matul l-2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn l-individwi kienu bdiewa u raħħala ġenwini jew bdiewa u raħħala żgħażagħ?

28/10/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-għoti ta' aċċess ikkontrollat għal spieri pubbliċi li ma għadhomx jintużaw, f'żoni fejn għad ma hemmx provvista diretta ta' New Water, jifforma parti mill-Programm ta' Ħidma tal-Gvern għal din il-leġiżlatura, skont il-Miżura 17 tal-Manifest Elettorali 2026.

L-għan ta' din il-miżura huwa li jitnaqqsu d-diskrepanzi fl-aċċess għall-ilma bejn żoni agrikoli differenti u tingħata soluzzjoni ġusta u sostenibbli għall-isfida tan-nuqqas ta' ilma għall-agrikoltura, partikolarment fejn il-provvista ta' New Water għadha mhijiex direttament disponibbli.

Il-Gvern qiegħed jaħdem sabiex din il-miżura tiġi implimentata matul din il-leġiżlatura. Għaldaqstant, f'dan l-istadju għad m'hemmx individwi li bbenefikaw minn din il-miżura u, konsegwentement, ma hemmx data x'tingħata maqsuma xahar b'xahar jew skont il-kategoriji msemmija fil-mistoqsija.

Seduta Numru 39
16/11/2026

BDIEWA KUMMERĊJALI – WSC – ILMA POTABBLI B'XEJN

4555. L-ONOR. TONI BEZZINA staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm raħħala kummerċjali li ngħataw ilma potabbli b'xejn, billi kull razzett ikun imqabbad mal-infrastruttura tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (WSC)? Jista' jgħid ukoll fejn huma dawn l-irziezet, maqsuma lokalità b'lokalità?

28/10/2026

ONOR. ANTON REFALO: Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 39
16/11/2026

GĦAJNUNA GĦAL FAĊILITAJIET GĦALL-ĦAŻNA TAL-ILMA TAX-XITA

4556. L-ONOR. TONI BEZZINA staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienu l-bdiewa li rċevew għajnuna biex jibnu faċilitajiet għall-ħażna tal-ilma tax-xita matul is-sena 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

28/10/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li minn Jannar 2026 sa issa, il-bdiewa u r-raħħala li bbenefikaw minn għajnuna biex jibnu faċilitajiet għall-ħażna tal-ilma tax-xita kienu 50.

Seduta Numru 39
16/11/2026

BDIEWA KUMMERĊJALI – WSC – ILMA POTABBLI B'XEJN

4557. L-ONOR. TONI BEZZINA staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm kien hemm raħħala kummerċjali li ngħataw ilma potabbli b'xejn billi kull razzett ikun imqabbad mal-infrastruttura tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (WSC)? Tista' tgħid ukoll fejn huma dawn l-irziezet, maqsuma lokalità b'lokalità?

28/10/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba hija fin-negattiv.

Seduta Numru 39
16/11/2026

PROĠETT PILOTA – TOURISM COMMUNITY SUPPORT

4559. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jagħti aġġornament dwar il-proġett pilota "Tourism Community Support" imħabbar f'Mejju 2026?

28/10/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Nitlob lill-Onor. Interpellant tkun aktar speċifika fid-domanda tagħha.

Seduta Numru 39
16/11/2026

MINISTERU TAL-INKLUŻJONI U L-VOLONTARJAT – FONDI ALLOKATI GĦAD-DIŻABILITÀ U GĦALL-VOLONTARJAT

4601. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid kemm mid-€69 miljun li ġew allokati għall-Ministeru tal-Inklużjoni u l-Volontarjat għas-sena 2026 ġew allokati speċifikament għad-diżabilità u kemm ġew allokati speċifikament għall-volontarjat?

29/10/2026

ONOR. JULIA FARRUGIA: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għall-Estimi Finanzjarji tal-Baġit, li diġà tqiegħdu fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta Numru 39
16/11/2026

SERVIZZI DIRETTI GĦALL-PERSUNI B'DIŻABILITÀ – FONDI ALLOKATI

4602. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid kemm mill-fondi allokati għall-2026 effettivament intefqu fuq servizzi diretti għall-persuni b'diżabilità?

29/10/2026

ONOR. JULIA FARRUGIA: B'żieda mat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 4601, ninforma lill-Onor. Interpellant li, peress li s-sena kurrenti (2026) għadha għaddejja, l-informazzjoni mitluba tkun tista' tiġi pprovduta aktar 'il quddiem.

Seduta Numru 39
16/11/2026

VITTMI TAT-THALIDOMIDE

4603. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid kemm hu l-ħlas totali li ser ikun qed iħallas il-Gvern lill-vittmi tat-Thalidomide kull sena? Tista' tgħid ukoll jekk l-iskema għall-vittmi tat-Thalidomide hux ser terġa' tiftaħ fis-sena 2027?

29/10/2026

ONOR. JULIA FARRUGIA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-ammont totali ta' €1,147,987.62 ingħata bħala kumpens mill-Gvern lill-vittmi tat-Thalidomide. Dan l-ammont huwa maqsum kif indikat fit-tabella t'hawn taħt:

L-Ewwel Sejħa	€1,086,008.62 *Rendikont dettaljat ta' din l-informazzjoni jinsab fit-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 25796*
It-Tieni Sejħa	€61,979

Is-sejħa maħruġa aktar kmieni din is-sena kienet it-tieni u l-aħħar sejħa, fejn biha kwalifikaw żewġ persuni oħra.

Seduta Numru 39
16/11/2026

BAĠIT 2027 – REPAIR AND UPKEEP – ALLOKAZZJONI FINANZJARJA

4604. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid x'inhi r-raġuni għaliex l-allokazzjoni finanzjarja għal-Line Item 23 - Repair and Upkeep tal-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat żdiedet minn €3,000 (sena 2026) għal €30,000 (sena 2027)?

29/10/2026

ONOR. JULIA FARRUGIA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li, kif diġà ġie indikat, l-Estimi Finanzjarji tqiegħdu fuq il-Mejda tal-Kamra, u li d-diskussjoni dwar l-Estimi Finanzjarji relatati mal-Ministeru ser issir fis-16 ta' Novembru 2026, hekk kif stipulat fil-Mozzjoni Nru 70, Mozzjoni ta' Proċedura li tirregola s-seduti konnessi mal-Estimi Ġenerali, diskussa fis-Seduta 25 tal-20 ta' Ottubru 2026.

Seduta Numru 39
16/11/2026

BAĠIT 2027 – CONTRACTUAL SERVICES – ALLOKAZZJONI FINANZJARJA

4605. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid x'inhi r-raġuni għaliex l-allokazzjoni finanzjarja għal-Line Item 30 - Contractual Services tal-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat żdiedet minn €150,000 (sena 2026) għal €250,000 (sena 2027)?

29/10/2026

ONOR. JULIA FARRUGIA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li, kif diġà ġie indikat, l-Estimi Finanzjarji tqiegħdu fuq il-Mejda tal-Kamra, u li d-diskussjoni dwar l-Estimi Finanzjarji relatati mal-Ministeru ser issir fis-16 ta' Novembru 2026, hekk kif stipulat fil-Mozzjoni Nru 70, Mozzjoni ta' Proċedura li tirregola s-seduti konnessi mal-Estimi Ġenerali, diskussa fis-Seduta 25 tal-20 ta' Ottubru 2026.

Seduta Numru 39
16/11/2026

KULLEĠĠI – QASAM TAR-RIŻORSI UMANI, L-AMMINISTRAZZJONI, L-ORGANIZZAZZJONI TAT-TAGĦLIM U L-ALLOKAZZJONI TAR-RIŻORSI – DEĊIŻJONIJIET

4962. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jelenka liema deċiżjonijiet fil-qasam tar-riżorsi umani, l-amministrazzjoni, l-organizzazzjoni tat-tagħlim u l-allokazzjoni tar-riżorsi jistgħu jittieħdu direttament mill-kulleġġi, mingħajr il-ħtieġa ta' approvazzjoni ċentrali?

04/11/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li kull kulleġġ huwa responsabbli għall-allokazzjoni fl-iskejjel tiegħu tal-għalliema peripatetiċi u tal-kinder relievers assenjati lilu.
Fir-rigward tar-riżorsi umani, kull deċiżjoni f'dan il-qasam teħtieġ l-approvazzjoni tal-Kap tal-Iskola u tal-Kap tan-Netwerk tal-Kulleġġ (HCN) qabel ma titressaq għall-approvazzjoni finali fil-livell ċentrali.
L-amministrazzjoni ġenerali tal-kulleġġ taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Kap tan-Netwerk tal-Kulleġġ. Din tinkludi l-koordinazzjoni tal-proġetti li fihom jipparteċipa l-kulleġġ, il-laqgħat mal-Kapijiet tal-Iskejjel u mal-ġenituri, l-organizzazzjoni tal-attivitajiet u aspetti amministrattivi oħra, fosthom l-istabbiliment tal-prijoritajiet tal-kulleġġ.

Seduta Numru 39
16/11/2026

STUDJU LI JANALIZZA D-DIFFERENZI BEJN IL-KULLEĠĠI

4963. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Ministeru għandux studju li janalizza d-differenzi bejn il-kulleġġi f'termini ta' daqs, popolazzjoni ta' studenti, kuntest soċjali, ħtiġijiet edukattivi u riżorsi, sabiex il-politika edukattiva tkun tista' tirrifletti dawn ir-realtajiet?

04/11/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li dan hu eżerċizzju kontinwu.

Seduta Numru 39
16/11/2026

KULLEĠĠI – MUDELL ĠDID TA' GOVERNANZA

4964. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid jekk hux qed jiġi kkunsidrat mudell ġdid ta' governanza għall-kulleġġi li jagħti aktar setgħat u responsabbiltajiet lill-maniġment tagħhom, filwaqt li jżomm mekkaniżmi ċari ta' responsabbiltà u rendikont?

04/11/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 4958.

Seduta Numru 39
16/11/2026

SKEJJEL TAL-ISTAT – KLASSIJIET MINGĦAJR ARJA KKUNDIZZJONATA

4965. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm huwa n-numru ta' klassijiet fl-iskejjel tal-Istat f'Malta u Għawdex li m'għandhomx sistema tal-arja kkundizzjonata? Jista' wkoll jagħti lista tal-iskejjel u n-numru ta' klassijiet mingħajr arja kkundizzjonata li hemm f'kull skola?

04/11/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għad-diskors Parlamentari tiegħi waqt is-Seduta 36 - L-Erbgħa, 11 ta' Novembru, 2026, u li fih tajt elenku dettaljat tal-ħidma li qed nagħmlu biex iktar skejjel ikollhom arja kkundizzjonata, u dan anke kif ser nimmassimizzaw ir-riżorsi.
Nirreferi wkoll lill-Onor. Interpellant għat-tweġibiet ta' mistoqsijiet parlamentari 30 u 31 ta' din il-leġiżlatura. Dan filwaqt li differenti minn żmien ieħor, u Gvern ieħor, l-iskejjel ġodda li nlestu kull sena jkollhom installata din il-faċilità.
Nirreferi wkoll lill-Onor. Interpellant għad-diskors tal-Kap tal-Oppożizzjoni fis-Seduta parlamentari tat-2 ta' Novembru 2026 fejn skont it-transcript provdut lili mill-Parlament qal waqt id-diskors tiegħu "B'€4.5 miljun taf x'konna nagħmlu? Konna nagħmlu l-air-condition kollu tal-iskejjel ta' pajjiżna! (Onor. Membri: Hear, hear) U fuq din is-sabiħa taf x'inhi? Għadna ma wasalniex taf, għax x'ħin tilħaq il-qiegħ jibqa' qiegħ ieħor taħtu…"
Din il-mistoqsija parlamentari tirrifletti li l-Oppożizzjoni l-ewwel tfattar iċ-ċifri u d-dikjarazzjonijiet u wara tistaqsi sabiex tipprova tistabbilixxi l-fatti. Kont nippretendi li din l-informazzjoni jafuha sew biex setgħet issir stima, u mhux qed tintalab mill-Oppożizzjoni wara!
Mhux ta' b'xejn l-istima kienet waħda ħażina mill-bidu sal-aħħar u wera li m'għandhomx idea tal-affarijiet.

Seduta Numru 39
16/11/2026

KUNSILLI LOKALI – DETENTURI TAL-BLUE BADGE – TALBIET GĦAL SPAZJI TA' PARKEĠĠ KOMUNITARJI

4982. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm irċevew talbiet għal spazji ta' parkeġġ komunitarji għad-detenturi tal-Blue Badge kull kunsill lokali mill-1 ta' Jannar 2025 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, b'tabella maqsuma skont il-kunsill u s-sena? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn it-talbiet ġew approvati, kemm ġew miċħuda u kemm għadhom pendenti? Għat-talbiet miċħuda, jista' jagħti r-raġunijiet għaċ-ċaħda u l-kriterji li ġew applikati?

04/11/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din ir-risposta ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 39
16/11/2026

KUNSILLI LOKALI – DETENTURI TAL-BLUE BADGE – TALBIET GĦAL SPAZJI TA' PARKEĠĠ KOMUNITARJI

4983. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid kemm irċevew talbiet għal spazji ta' parkeġġ komunitarji għad-detenturi tal-Blue Badge kull Kunsill Lokali mill-1 ta' Jannar 2025 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, b'tabella maqsuma skont il-kunsill u s-sena? Tista' tgħid ukoll kemm minn dawn it-talbiet ġew approvati, kemm ġew miċħuda u kemm għadhom pendenti? Għat-talbiet miċħuda, tista' tagħti r-raġunijiet għaċ-ċaħda u l-kriterji li ġew applikati?

04/11/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel il-mistoqsija tiegħu lill-Ministeru konċernat.

Seduta Numru 39
16/11/2026

TA' SANNAT, GĦAWDEX – PROĠETT TA' PJAZZA SANTA MARGERITA – XOGĦLIJIET PENDENTI

4984. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid għaliex iż-zebra crossing fi Pjazza Santa Margerita f'Ta' Sannat, għadha ma saritx, minkejja li għaddew aktar minn sentejn mill-inawgurazzjoni tal-pjazza, li ġiet irranġata b'fondi pubbliċi permezz ta' ftehim bejn il-Kunsill Lokali ta' Sannat u l-Ministeru għal Għawdex? Jista' jgħid ukoll meta huwa previst li ssir din iż-zebra crossing u jekk għadx fadal xogħlijiet oħra pendenti marbuta mal-istess proġett? Jekk iva, jista' jispeċifika liema huma u meta mistennija jitlestew?

04/11/2026

ONOR. CLINT CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru konċernat.

Seduta Numru 39
16/11/2026

TA' SANNAT, GĦAWDEX – PROĠETT TA' PJAZZA SANTA MARGERITA – XOGĦLIJIET PENDENTI

4985. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid għaliex iż-zebra crossing fi Pjazza Santa Margerita f'Ta' Sannat, għadha ma saritx, minkejja li għaddew aktar minn sentejn mill-inawgurazzjoni tal-pjazza, li ġiet irranġata b'fondi pubbliċi permezz ta' ftehim bejn il-Kunsill Lokali ta' Sannat u l-Ministeru għal Għawdex? Tista' tgħid ukoll meta huwa previst li ssir din iż-zebra crossing u jekk għadx fadal xogħlijiet oħra pendenti marbuta mal-istess proġett? Jekk iva, tista' tispeċifika liema huma u meta mistennija jitlestew?

04/11/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Ninsab infurmata mill-Kunsill Lokali Ta' Sannat li l-Kunsill jinsab fil-proċess li ż-zebra crossing issir, tant li diġà hemm il-pelican lights installati. Dwar xogħol pendenti, dan huwa relatat mal-aerial cables li qegħdin fil-proċess li jitniżżlu fis-service culvert eżistenti.

Seduta Numru 39
16/11/2026

TA’ SANNAT, GĦAWDEX – PROĠETT TA’ PJAZZA SANTA MARGERITA – DWAL INSTALLATI

4986. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista’ l-Ministru jgħid jekk it-tħaddim u l-manutenzjoni tad-dwal installati bħala parti mill-proġett tal-pjazza Santa Margerita f’Ta’ Sannat, Għawdex jaqgħux taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill Lokali jew tal-Gvern Ċentrali? Jista’ jgħid ukoll għaliex, f’diversi okkażjonijiet, il-medda minn Triq Sannat sa Pjazza Santa Margerita tispiċċa fid-dlam, u x’passi se jittieħdu biex tiġi indirizzata din il-problema?

04/11/2026

ONOR. CLINT CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 39
16/11/2026

TA' SANNAT, GĦAWDEX – TRIQ TA' ĊENĊ – TISĦIĦ TAD-DAWL PUBBLIKU

4987. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista’ l-Ministru jgħid jekk ġiex ikkunsidrat li jissaħħaħ id-dawl pubbliku f’punti kruċjali fid-daħla tat-triq prinċipali (Triq ta' Ċenċ) f'Ta’ Sannat, liema triq mhux biss qiegħda ta’ periklu għal min jgħaddi minnha b'xi vettura jew bil-mixi, iżda hija wkoll suġġett għal diversi abbużi? Jekk iva, jista’ jgħid għaliex għadu ma sarx dan it-titjib u jekk hemm il-ħsieb li jsir, jgħid meta ser isir?

04/11/2026

ONOR. CLINT CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 39
16/11/2026

FINANZJAMENT MOGĦTI LIL NGOS

5078. L-ONOR. BEPPE GALEA staqsa lill-Ministru għall-Ugwaljanza u d-Drittijiet Ċivili: Tista’ l-Ministru twieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 3729 u 4421 u tagħti rendikont tal-finanzjament mogħti lil NGOs fl-aħħar sentejn, maqsum skont l-NGO, l-għan u s-sena?

05/11/2026

ONOR. ROSIANNE CUTAJAR: Il-Ministeru għal Ugwaljanza u Drittijiet Ċivili fil-ħidma tiegħu jikkollabora ma’ ħafna organizzazzjonijiet biex jaqdi l-missjoni tiegħu fis-soċjetà. Għaldaqstant, fis-snin imsemmija, il-Ministeru, id-dipartimenti u l-entitajiet marbuta miegħu għaddew fondi lil entitajiet mhux governattivi bħal: Malta Women's Lobby, TAMA, Malta Girl Guides Association, Fondazzjoni Saghtar, Friends of Thouret - Dar Hosea, The Good Shepherd Sisters - Dar Merħba Bik Foundation, SOS Malta, St Jeanne Antide Foundation, National Council of Women, Malta Chamber Foundation, Men Against Violence, KOPIN, CORE Platform, Allied Rainbow Communities, Malta LGBTIQ Rights Movement, LGBTI+ Gozo, Migration Policy Group, The Malta Foundation for Human Resources Development (FHRD) u oħrajn.

Seduta Numru 39
16/11/2026

KOLLABORAZZJONI MA’ NGOS

5079. L-ONOR. BEPPE GALEA staqsa lill-Ministru għall-Ugwaljanza u d-Drittijiet Ċivili: Tista’ l-Ministru twieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 3730 u 4422 u telenka l-NGOs li l-Ministeru qed jikkollabora magħhom u tispeċifika s-servizzi mogħtija minn kull waħda?

05/11/2026

ONOR. ROSIANNE CUTAJAR: Ninforma lill-Onor. Interpellant li dan il-Ministeru ġie ffurmat f'Ġunju tal-2026. Sa issa qed jikkollabora ma' LBGTIQ+ Gozo biex jipprovdu servizzi lill-komunità LBGTIQ+ u l-familjari tagħhom f'Għawdex.

Seduta Numru 39
16/11/2026

KOLLABORAZZJONI MA' NGOS

5080. L-ONOR. BEPPE GALEA staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 3731 u 4423 u jelenka l-NGOs li l-Ministeru qed jikkollabora magħhom u jispeċifika s-servizzi mogħtija minn kull waħda?

05/11/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Risposta tingħata f'xi seduta oħra

Seduta Numru 39
16/11/2026

FINANZJAMENT MOGĦTI LIL NGOS

5081. L-ONOR. BEPPE GALEA staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 3732 u 4424 u jagħti rendikont tal-finanzjament mogħti lil NGOs fl-aħħar sentejn, maqsum skont l-NGO, l-għan u s-sena?

05/11/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru għandu numru ta' skemi li minnhom jibbenefikaw numru kbir ta' NGOs. Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra il-lista ta' NGOs li ġew megħjuna fl-aħħar sentejn.

Seduta Numru 39
16/11/2026

FINANZJAMENT MOGĦTI LIL NGOS

5082. L-ONOR. BEPPE GALEA staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 3733 u 4425 u jagħti rendikont tal-finanzjament mogħti lil NGOs fl-aħħar sentejn, maqsum skont l-NGO, l-għan u s-sena?

05/11/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Risposta tingħata f'xi seduta oħra

Seduta Numru 39
16/11/2026

KOLLABORAZZJONI MA' NGOS

5083. L-ONOR. BEPPE GALEA staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 3734 u 4426 u jelenka l-NGOs li l-Ministeru qed jikkollabora magħhom u jispeċifika s-servizzi mogħtija minn kull waħda?

05/11/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 5081.

Seduta Numru 39
16/11/2026

L-IMTARFA - BINJA QLEJGĦA - KUMPLESS TA' GARAXXIJIET - XOGĦLIJIET TA' TISWIJA

5116. L-ONOR. REBEKAH BORG staqsiet lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4380 u jgħid kif inqasmet l-ispiża tat-tiswija tas-soqfa tal-kumpless ta' garaxxijiet ta' Binja Qlejgħa, fl-Imtarfa, bejn l-Awtorità tad-Djar, Infrastructure Malta, il-Kunsill Lokali tal-Imtarfa u s-sidien tal-garaxxijiet? Jista' jgħid ukoll kemm tħallas s'issa u lil min?

05/11/2026

ONOR. OWEN BONNICI: L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 39
16/11/2026

L-IMTARFA - BINJA QLEJGĦA - KUMPLESS TA' GARAXXIJIET - XOGĦLIJIET TA' TISWIJA

5117. L-ONOR. REBEKAH BORG staqsiet lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4381 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 34052 tal-Erbatax-il Leġiżlatura, jista' l-Ministru jgħid min huma l-periti li ġew ingaġġati b'direct order għall-proġett tat-tiswija tas-soqfa tal-kumpless ta' garaxxijiet ta' Binja Qlejgħa, fl-Imtarfa, f'liema data ngħatat id-direct order, u x'inhu l-valur tagħha?

05/11/2026

ONOR. OWEN BONNICI: L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 39
16/11/2026

L-IMTARFA - BINJA QLEJGĦA - KUMPLESS TA' GARAXXIJIET - RAPPORT DWAR ĦSARAT

5118. L-ONOR. REBEKAH BORG staqsiet lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4382 u jgħid f'liema data l-Awtorità tad-Djar irċeviet l-ewwel rapport dwar il-ħsarat fis-soqfa tal-kumpless ta' garaxxijiet ta' Binja Qlejgħa, fl-Imtarfa, f'liema data ġiet iċċertifikata bħala dangerous structure, u jqiegħed kopja ta' dan ir-rapport fuq il-Mejda tal-Kamra?

05/11/2026

ONOR. OWEN BONNICI: L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 39
16/11/2026

GĦALLIEMA ĠODDA KWALIFIKATI – WARRANT TEMPORANJU

5150. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4105 u jgħid kemm hemm għalliema ġodda kwalifikati (Newly Qualified Teachers - NQTs) li bħalissa qed jipprattikaw il-professjoni b'warrant temporanju, u jekk jista', jipprovdi din iċ-ċifra maqsuma separatament bejn skejjel tal-Istat, skejjel tal-Knisja u skejjel indipendenti?

05/11/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Infurmat li bħalissa hemm 155 fl-iskejjel tal-istat.

Seduta Numru 39
16/11/2026

GĦALLIEMA ĠODDA KWALIFIKATI – WARRANTS TEMPORANJI/PENDENTI

5151. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4106 u jgħid kemm mill-għalliema ġodda kwalifikati (Newly Qualified Teachers - NQTs) ilhom b'warrant temporanju għal aktar minn sena skolastika, u kemm minnhom għandhom applikazzjoni pendenti għal warrant permanenti?

05/11/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Infurmat li preżentement hemm 145 għalliem u infurmat ukoll li tnejn minnhom għandhom applikazzjoni pendenti għal warrant permanenti.

Seduta Numru 39
16/11/2026

BIRŻEBBUĠA - KUNSILL LOKALI - RIŻORSI MOGĦTIJA MID-DIPARTIMENT GĦALL-INDAFA PUBBLIKA

5158. L-ONOR. MIRIANA CALLEJA TESTAFERRATA DE NOTO staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tindika r-riżorsi umani u finanzjarji mogħtija mid-Dipartiment għall-Indafa Pubblika lill-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa għaż-żamma tal-istess lokalità?

05/11/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Ninsab infurmata mill-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa li skont ftehim iffirmat fil-31 ta' Mejju 2024 mas-CMD, dawn qed jipprovdulhom disa' persuni u huma mqassma hekk:
• Seba' persuni assenjati għat-tindif tat-toroq.
• Żewġ persuni assenjati għaż-żamma u tindif ta' żewġ latrini pubbliċi.
Barra minn hekk, id-Diviżjoni tieħu ħsieb ukoll b'mod regolari ż-żamma tal-indafa tal-bajjiet u l-promenade tal-istess lokalità.

Seduta Numru 39
16/11/2026

SPTAR REĠJONALI ĊENSU MORAN – PERSUNI LI GĦAMLU UŻU MIS-SERVIZZI

5173. L-ONOR. NIGEL VELLA staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4488 u jgħid kemm kien in-numru ta' pazjenti li għamlu użu minn xi wieħed mis-servizzi offruti mill-isptar reġjonali Ċensu Moran, mill-ftuħ tiegħu sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

09/11/2026

ONOR. IAN BORG: Ninsab infurmat li bejn l-1 ta' Ottubru 2025 u l-31 ta' Ottubru 2026, kien hemm total ta' 256,396 pazjent li għamel użu minn wieħed jew aktar mis-servizzi offruti mill-isptar reġjonali Ċensu Moran.

Seduta Numru 39
16/11/2026

L-ISPTAR MATER DEI – KONSULENTI

5174. L-ONOR. NIGEL VELLA staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4489 u jgħid kemm hemm konsulenti jaħdmu fl-Isptar Mater Dei preżentement, maqsuma skont il-linja tal-mediċina li jipprattikaw fiha?

09/11/2026

ONOR. IAN BORG: Ninsab infurmat li fl-Isptar Mater Dei jaħdmu 368 konsulent f'għoxrin dipartiment, li jkopru l-firxa sħiħa tal-ispeċjalitajiet kliniċi u dijanjostiċi.

Seduta Numru 39
16/11/2026

MINISTERU GĦAS-SAĦĦA – HELPLINES – PERSUNI LI GĦAMLU UŻU

5175. L-ONOR. NIGEL VELLA staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4491 u jgħid kemm persuni użaw il-helplines ikkoordinati mill-Ministeru għas-Saħħa u jaqsam l-informazzjoni skont il-helpline relattiv?

09/11/2026

ONOR. IAN BORG: L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 39
16/11/2026

SISTEMA TAS-SAĦĦA – INFERMIERA

5176. L-ONOR. NIGEL VELLA staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4495 u jgħid kemm hemm infermiera li preżentement jaħdmu fl-isptarijiet u fil-Kura Primarja?

09/11/2026

ONOR. IAN BORG: Ninforma lill-Onor. Interpellant li n-numru ta' infermiera li preżentement jaħdmu fl-isptarijiet u fil-Kura Primarja huwa ta' 4,141 (3,596 uffiċjali pubbliċi u 545 impjegati tal-kuntratturi).

Seduta Numru 39
16/11/2026

REVIŻJONI TAL-LOCAL PLANS

5194. L-ONOR. REBEKAH BORG staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid meta l-Gvern beħsiebu jippreżenta proposti konkreti għar-reviżjoni tal-Local Plans, u jekk hemmx skeda ta' żmien stabbilita għal dan il-proċess?

09/11/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li kwalunkwe reviżjoni tal-Pjanijiet Lokali teħtieġ li tiġi segwita l-proċedura prevista mil-liġi, inkluż proċess estensiv ta' konsultazzjoni pubblika sabiex il-partijiet interessati u l-pubbliku jkunu jistgħu jagħtu l-kontribut tagħhom. Għaldaqstant, kull tħabbira dwar dan il-proċess issir f'dan il-kuntest.

Seduta Numru 39
16/11/2026

ŻONI URBANI U ART ODZ – TRANŻIZZJONI

5195. L-ONOR. REBEKAH BORG staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Gvern għandux l-intenzjoni li jintroduċi miżuri jew policies speċifiċi biex ikun hemm tranżizzjoni aktar ċara u armonjuża bejn iż-żoni residenzjali u l-art barra miż-żona tal-iżvilupp (ODZ)?

09/11/2026
ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li bi tweġiba għall-mistoqsija rigward policies li jassiguraw tranżizzjoni aktar ċara u armonjuża bejn iż-żoni residenzjali u l-art barra miż-żona tal-iżvilupp (ODZ), qed issir referenza għad-Development Control Design Policy Guidance and Standards 2015 (DC15) u b'mod speċifiku għall-policy P6 – Transition Design Solutions. Din il-policy diġà tinkludi sezzjoni li tiggwida żvilupp li jkun proponut fix-xifer taż-żona tal-iżvilupp jiġifieri – Transition Solutions Between DZ edge and ODZ.

Seduta Numru 39
16/11/2026

IL-ĦARSIEN TAL-IDENTITÀ TAL-IRĦULA Ż-ŻGĦAR

5196. L-ONOR. REBEKAH BORG staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi l-politika tal-Gvern biex jitħarsu l-identità, il-karattru arkitettoniku u t-tessut urban tal-irħula ż-żgħar li għadhom fil-biċċa l-kbira preservati? Jista' jgħid ukoll jekk il-Gvern hux qed jikkunsidra miżuri speċifiċi biex dawn l-irħula ma jgħaddux minn urbanizzazzjoni eċċessiva li twassal għat-telf tal-identità u tal-karatteristiċi tradizzjonali tagħhom, u jekk iva, liema huma dawn il-miżuri?

09/11/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li, apparti l-impenn li jinsab fil-Manifest Elettorali, hemm fis-seħħ diversi policies u strumenti ta' ppjanar li għandhom l-għan li jħarsu l-identità, il-karattru arkitettoniku u t-tessut urban tal-irħula ż-żgħar li fil-biċċa l-kbira tagħhom għadhom preservati. Fost dawn insibu l-Urban Objective 2 tal-Strategic Plan for Environment and Development 2015 (SPED), li tipprevedi t-titjib tat-townscape u tal-ambjent taċ-ċentri storiċi, filwaqt li tistabbilixxi preżunzjoni kontra t-twaqqiegħ ta' proprjetajiet li jistħoqqilhom konservazzjoni u tipprovdi li l-għoli tal-iżvilupp fiż-Żoni ta' Konservazzjoni Urbana għandu jirrispetta l-kuntest urban eżistenti. Barra minn hekk, il-Pjanijiet Lokali jidentifikaw u jirregolaw iż-Żoni ta' Konservazzjoni Urbana (UCA), filwaqt li d-Development Control Design Policy, Guidance and Standards 2015 (DC15), partikolarment il-Policy P6 – Transition Design Solutions, tipprovdi gwida speċifika dwar żvilupp propost fil-periferija ta' dawn iż-żoni, permezz tas-sezzjoni "Transition Solutions Immediately Outside UCA".

Seduta Numru 39
16/11/2026

EMISSJONIJIET EĊĊESSIVI MINN VETTURI – SMS REPORTING

5199. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI staqsiet lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm saru rapporti permezz ta' SMS dwar emissjoni eċċessiva minn vetturi sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena? Jista' jgħid ukoll kemm sar ittestjar fuq dawn il-vetturi li ġew irrappurtati permezz ta' SMS u kemm minnhom fallew it-test?

09/11/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant li mhux il-vetturi kollha li jissejħu għall-ispezzjoni jippreżentaw ruħhom għall-ispezzjoni mitluba. Għaldaqstant, f'dawk il-każijiet fejn il-vetturi ma jattendux għall-ispezzjoni, ir-restrizzjoni imposta fuqhom tibqa' fis-seħħ sakemm issir l-ispezzjoni neċessarja u l-vettura tiġi vverifikata mill-awtorità kompetenti. L-informazzjoni mitluba hija kif indikata fit-tabella segwenti:

Sena	Vetturi msejħa għall-ispezzjoni	Vetturi spezzjonati	Għaddew	Fallew
2024	227	118	89	29
2025	308	285	202	83
2026*	125	91	49	42

* L-informazzjoni għall-2026 tkopri l-perjodu Jannar sa Settembru 2026.

Seduta Numru 39
16/11/2026

TESTIJIET TAL-VETTURI DWAR EMISSJONIJIET EĊĊESSIVI – PROĊEDURA

5200. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI staqsiet lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid xi proċedura tintuża biex vettura tittella' għall-ittestjar dwar emissjonijiet eċċessivi, liema rapport dwarha jkun sar permess tal-SMS reporting? Jista' jgħid ukoll jekk iridx ikun hemm aktar minn rapport wieħed u jekk iva, wara kemm rapporti l-vettura tittella' għall-ittestjar?

09/11/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant li sabiex vettura tissejjaħ għal spezzjoni minħabba allegazzjonijiet ta' emissjonijiet eċċessivi rrappurtati permezz tas-sistema ta' SMS reporting, ikun meħtieġ li l-istess vettura tkun ġiet irrappurtata tliet darbiet.

Wara li jintlaħaq dan in-numru ta' rapporti, tintbagħat ittra lis-sid reġistrat tal-vettura sabiex din tittieħed għall-ispezzjoni fil-Vehicle Inspection Unit, fejn isiru l-verifiki neċessarji relatati mal-emissjonijiet tal-vettura.

Seduta Numru 39
16/11/2026

TESTIJIET TAL-VETTURI DWAR EMISSJONIJIET EĊĊESSIVI LI BAQGĦU MA SARUX

5201. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI staqsiet lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm vetturi msejħa għall-ittestjar minħabba emissjonijiet eċċessivi li xorta baqa' ma sarx ittestjar fuqhom? Jista' jgħid ukoll għaliex ma jkunx sar dan l-ittestjar u jgħid ukoll jekk il-vettura u/jew fuq min hija rreġistrata l-vettura jiġux ippenalizzati?

09/11/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din ir-risposta ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 39
16/11/2026

EMISSJONIJIET EĊĊESSIVI MINN VETTURI – SMS REPORTING – REVIŻJONI

5202. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI staqsiet lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid jekk qatt saritx reviżjoni tal-iskema tal-SMS reporting dwar vetturi b'emissjonijiet eċċessivi minn meta ddaħħlet? Jekk iva, jista' jgħid x'kienu r-reviżjonijiet?

09/11/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din ir-risposta ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 39
16/11/2026

RAPPORT DWAR IL-POPOLAZZJONI

5203. L-ONOR. DARREN CARABOTT staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra r-rapport sħiħ dwar il-popolazzjoni li kien ippreżenta lill-Prim Ministru fl-2018?

09/11/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Nixtieq ninforma lill-Onor. Interpellant li jien l-awtur tad-dokument mhux id-detentur.

Seduta Numru 39
16/11/2026

ANZJANI LI GĦALQU L-61 SENA U HUMA ELIĠIBBLI GĦALL-PENSJONI

5204. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4761 u jgħid kemm huwa preżentement in-numru ta' anzjani li għalqu l-61 sena u huma eliġibbli għall-pensjoni?

09/11/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Ġentilment ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif mitlub għadu qed jinġabar.

Seduta Numru 39
16/11/2026

IR-RABAT, MALTA - ŻONA TA' KORONJA - WIED IL-QLEJGĦA - INSTALLAZZJONI TA' BOZOZ

5205. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 4435 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli u tgħid jekk hemmx pjan jew applikazzjoni biex jiġu installati bozoz mal-bridge li jaqsam fuq Wied il-Qlejgħa (Chadwick Lakes), fiż-żona ta' Koronja, fil-limiti tar-Rabat, Malta?

10/11/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel il-mistoqsija lill-Ministeru konċernat.

Seduta Numru 39
16/11/2026

MARSASKALA – TRIQ IX-XATT, PJAZZA DUN TARCIS AGIUS U TRIQ IS-SALINI – BUS SHELTERS/BUS STOPS

5206. L-ONOR. JOHN BAPTIST CAMILLERI staqsa lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 4111 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol u l-mistoqsija parlamentari 5149 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli u tgħid meta se jerġgħu jitpoġġew il-bus shelters u l-bankijiet fuq il-bus stops li nqalgħu madwar erba' xhur ilu minħabba x-xogħlijiet ta' riġenerazzjoni, fi Triq ix-Xatt, Pjazza Dun Tarcis Agius u Triq is-Salini, f'Marsaskala?

10/11/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Ninsab infurmata mill-Kunsill Lokali ta' Marsaskala li bħalissa hemm diskussjoni bejn Infrastructure Malta u l-kumpanija Faces dwar kif ser jeħlu dawn il-bus shelters inkluż il-bankijiet tagħhom. Il-Kunsill qed iżomm kuntatt kontinwu biex ix-xogħol isir kemm jista' jkun malajr.

Seduta Numru 39
16/11/2026

ID-DIPARTIMENT TAL-ARTIJIET – AVVIŻI TA' INFURZAR FIL-GŻIRA

5211. L-ONOR. GRAHAM BENCINI staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4901 u jgħid kemm inħarġu avviżi ta' infurzar mid-Dipartiment tal-Artijiet fil-Gżira mill-1 ta' Jannar 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, u għal kull avviż, jagħti d-data ta' meta nħareġ u n-natura tal-ksur jew il-kwistjoni li tkun qed tiġi indirizzata?

10/11/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li n-numru ta' avviżi ta' infurzar li nħarġu mill-Awtorità tal-Ippjanar, sa mill-1 ta' Jannar 2022 sal-ġurnata li fiha qiegħda tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, fil-Gżira, huwa disgħa (9).
Hawn taħt hija l-lista li tagħti d-dettalji ta' kull avviż. Din l-informazzjoni nġabret mis-sistema informatika tal-Awtorità tal-Ippjanar.

List of Enforcement notices issued between 01/01/2022 and 30/10/2026 - Gżira	
Local Council	**Case Full Ref**
Gżira	EC/00027/24
Gżira	EC/00013/24
Gżira	EC/00045/24
Gżira	EC/00042/25
Gżira	EC/00055/25
Gżira	EC/00065/25
Gżira	EC/00162/25
Gżira	EC/00005/26
Gżira	EC/00115/26

Seduta Numru 39
16/11/2026

ID-DIPARTIMENT TAL-ARTIJIET – AVVIŻI TA' INFURZAR F'SAN ĠILJAN

5212. L-ONOR. GRAHAM BENCINI staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4902 u jgħid kemm inħarġu avviżi ta' infurzar mid-Dipartiment tal-Artijiet f'San Ġiljan mill-1 ta' Jannar 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, u għal kull avviż, jagħti d-data ta' meta nħareġ u n-natura tal-ksur jew il-kwistjoni li tkun qed tiġi indirizzata?

10/11/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li n-numru ta' avviżi ta' infurzar li nħarġu mill-Awtorità tal-Ippjanar, sa mill-1 ta' Jannar 2022 sal-ġurnata li fiha qiegħda tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, f'San Ġiljan, huwa sittax (16).
Hawn taħt hija l-lista li tagħti d-dettalji ta' kull avviż. Din l-informazzjoni nġabret mis-sistema informatika tal-Awtorità tal-Ippjanar.

List of Enforcement notices issued between 01/01/2022 and 30/10/2026 - San Ġiljan	
Local Council	**Case Full Ref**
San Ġiljan	EC/00001/22
San Ġiljan	EC/00020/23
San Ġiljan	EC/00059/23
San Ġiljan	EC/00154/23
San Ġiljan	EC/00179/23
San Ġiljan	EC/00195/23
San Ġiljan	EC/00213/23
San Ġiljan	EC/00061/24
San Ġiljan	EC/00062/24

San Ġiljan	EC/00092/24
San Ġiljan	EC/00143/24
San Ġiljan	EC/00053/26
San Ġiljan	EC/00063/26
San Ġiljan	EC/00085/26
San Ġiljan	EC/00095/26
San Ġiljan	EC/00101/26

Seduta Numru 39
16/11/2026

ID-DIPARTIMENT TAL-ARTIJIET – AVVIŻI TA' INFURZAR F'TAS-SLIEMA

5213. L-ONOR. GRAHAM BENCINI staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4903 u jgħid kemm inħarġu avviżi ta' infurzar mid-Dipartiment tal-Artijiet f'Tas-Sliema mill-1 ta' Jannar 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, u għal kull avviż, jagħti d-data ta' meta nħareġ u n-natura tal-ksur jew il-kwistjoni li tkun qed tiġi indirizzata?

10/11/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li n-numru ta' avviżi ta' infurzar li nħarġu mill-Awtorità tal-Ippjanar, sa mill-1 ta' Jannar 2022 sal-ġurnata li fiha qiegħda tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, f'Tas-Sliema, huwa tmienja u għoxrin (28).
Hawn taħt hija l-lista li tagħti d-dettalji ta' kull avviż. Din l-informazzjoni nġabret mis-sistema informatika tal-Awtorità tal-Ippjanar.

List of Enforcement notices issued between 01/01/2022 and 30/10/2026 - Sliema	
Local Council	**Case Full Ref**
Sliema	EC/00003/22
Sliema	EC/00016/22
Sliema	EC/00169/22
Sliema	EC/00110/23
Sliema	EC/00112/23
Sliema	EC/00173/23
Sliema	EC/00182/23
Sliema	EC/00190/23
Sliema	EC/00164/23
Sliema	EC/00166/23
Sliema	EC/00165/23
Sliema	EC/00167/23
Sliema	EC/00169/23
Sliema	EC/00170/23
Sliema	EC/00217/23
Sliema	EC/00172/23
Sliema	EC/00039/24
Sliema	EC/00176/24
Sliema	EC/00003/25
Sliema	EC/00044/25
Sliema	EC/00078/25
Sliema	EC/00091/25
Sliema	EC/00178/25
Sliema	EC/00013/26
Sliema	EC/00016/26
Sliema	EC/00088/26
Sliema	EC/00122/26
Sliema	EC/00129/26

Seduta Numru 39
16/11/2026

MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IT-TEKNOLOĠIJA U PROĠETTI STRATEĠIĊI – KONTINĠENT GĦALL-LAQGĦAT F'NEW YORK

5215. L-ONOR. MICHAEL PICCININO staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 2973, 3307, 3501, 4179 u 4742 u jgħid kemm kien jikkonsisti f'persuni l-kontinġent li akkumpanjah jew li ntbagħat mill-Ministeru tiegħu għall-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u/jew laqgħat oħra fi New York f'Settembru 2026? Jista' jipprovdi lista tal-persuni kollha li ffurmaw parti minn dan il-kontinġent, filwaqt li jindika l-kariga u r-rwol ta' kull persuna? Jista' jgħid ukoll kemm kienet l-ispiża totali relatata ma' dan il-kontinġent, kemm dik imħallsa kif ukoll dik li għadha dovuta, b'rendikont separat tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar, l-akkomodazzjoni, it-trasport u spejjeż oħra?

10/11/2026

ONOR. SILVIO SCHEMBRI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li, bejn il-21 u s-26 ta' Settembru 2026 attendejt għall-81 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fi New York. Matul din iż-żjara komplejna nmexxu 'l quddiem l-interessi ta' pajjiżna. Fost l-impenji li kelli, ipparteċipajt f'numru ta' laqgħat diplomatiċi, f'summits u konferenzi internazzjonali, kif ukoll ma' rappreżentanti ta' kumpaniji internazzjonali ewlenin. Id-delegazzjoni li akkumpanjatni għall-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti kienet komposta minn żewġ persuni u l-ispiża totali kienet tammonta għal €16,138.26.

Seduta Numru 39
16/11/2026

MINISTERU GĦAS-SAĦĦA – KONTINĠENT GĦALL-LAQGĦAT F'NEW YORK

5216. L-ONOR. MICHAEL PICCININO staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 2972, 3306, 3500, 4178 u 4743 u jgħid kemm kien jikkonsisti f'persuni l-kontinġent li akkumpanjah jew li ntbagħat mill-Ministeru tiegħu għall-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u/jew laqgħat oħra fi New York f'Settembru 2026? Jista' jipprovdi lista tal-persuni kollha li ffurmaw parti minn dan il-kontinġent, filwaqt li jindika l-kariga u r-rwol ta' kull persuna? Jista' jgħid ukoll kemm kienet l-ispiża totali relatata ma' dan il-kontinġent, kemm dik imħallsa kif ukoll dik li għadha dovuta, b'rendikont separat tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar, l-akkomodazzjoni, it-trasport u spejjeż oħra?

10/11/2026

ONOR. IAN BORG: Ninforma lill-Onor. Interpellant li bejn il-21 u l-25 ta' Settembru 2026 attendejt għall-81 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fi New York.

Matul din iż-żjara komplejna mmexxu 'l quddiem l-interessi ta' pajjiżna. Fost l-impenji li kelli, ipparteċipajt f'numru ta' laqgħat diplomatiċi, summits u konferenzi internazzjonali u ltqajt ma' rappreżentanti ta' kumpaniji internazzjonali ewlenin, Id-delegazzjoni li akkumpanjatni kienet magħmula minn erba' persuni: is-Segretarju Permanenti, il-Kap Uffiċjal Mediku, is-Supretendent tas-Saħħa Pubblika u membru tal-istaff tiegħi. L-ispiża totali kienet ta' €63,416.31.
Matul l-istess żjara, żort ukoll il-Mayo Clinic f'Rochester, Minnesota, fejn kont akkumpanjat mis-Segretarju Permanenti, mill-Kap Uffiċjal Mediku, mill-Ambaxxatur ta' Malta fl-Istati Uniti u minn membru tal-istaff tiegħi. Għal iktar dettalji nistieden lill-Onor. Interpellant jaqra il-komunikat:
https://departmentofinformation.gov.mt/press-release/2026/pr261546

Seduta Numru 39
16/11/2026

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ – KONTINĠENT GĦALL-LAQGĦAT F'NEW YORK

5217. L-ONOR. MICHAEL PICCININO staqsa lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 2971, 3305, 3499, 4177 u 4744 u jgħid kemm kien jikkonsisti f'persuni l-kontinġent li akkumpanjah jew li ntbagħat mill-Ministeru tiegħu għall-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u/jew laqgħat oħra fi New York f'Settembru 2026? Jista' jipprovdi lista tal-persuni kollha li ffurmaw parti minn dan il-kontinġent, filwaqt li jindika l-kariga u r-rwol ta' kull persuna? Jista' jgħid ukoll kemm kienet l-ispiża totali relatata ma' dan il-kontinġent, kemm dik imħallsa kif ukoll dik li għadha dovuta, b'rendikont separat tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar, l-akkomodazzjoni, it-trasport u spejjeż oħra?

10/11/2026

ONOR. CHRIS FEARNE: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi, bejn il-21 u s-26 ta' Settembru 2026 attendejt għall-81 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fi New York.
Matul din iż-żjara komplejna mmexxu 'l quddiem l-interessi ta' pajjiżna. Fost l-impenji li kelli, ipparteċipajt u f'xi istanzi mexxejt, f laqgħat mal- *Commonwealth* u numru ta' laqgħat oħra diplomatiċi kemm multilaterali u bilaterali u konferenzi internazzjonali, kif ukoll żort iċ-Ċentru tal-Maltin f'Astoria, fejn iltqajt mal-komunità Maltija fi New York.
Id-delegazzjoni li akkumpanjatni għall-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti kienet komposta minn 6 persuni u l-ispiża totali kienet tammonta għal €63,848.94

Seduta Numru 39
16/11/2026

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU – KONTINĠENT GĦALL-LAQGĦAT F'NEW YORK

5218. L-ONOR. MICHAEL PICCININO staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 2970, 3304, 3498, 4176 u 4745 u jgħid f'kemm persuni kien jikkonsisti l-kontinġent li akkumpanjah jew li ntbagħat mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru għall-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u/jew laqgħat oħra fi New York f'Settembru 2026? Jista' jipprovdi lista tal-persuni kollha li ffurmaw parti minn dan il-kontinġent, filwaqt li jindika l-kariga u r-rwol ta' kull persuna? Jista' jgħid ukoll kemm kienet l-ispiża totali relatata ma' dan il-kontinġent, kemm dik imħallsa kif ukoll dik li għadha dovuta, b'rendikont separat tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar, l-akkomodazzjoni, it-trasport u spejjeż oħra?

10/11/2026

ONOR. ROBERT ABELA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li, bejn il-21 u s-26 ta' Settembru 2026 attendejt għall-81 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fi New York, flimkien ma' aktar minn 190 Kap ta' Stat u ta' Gvern minn madwar id-dinja.
Matul din iż-żjara komplejna nmexxu 'l quddiem l-interessi ta' pajjiżna. Fost l-impenji li kelli, żammejt numru ta' laqgħat diplomatiċi, ipparteċipajt f'summits u konferenzi internazzjonali, iltqajt ma' rappreżentanti ta' kumpaniji internazzjonali ewlenin, kif ukoll żort iċ-Ċentru tal-Maltin f'Astoria, fejn iltqajt mal-komunità Maltija fi New York.
Fl-indirizz tiegħi lill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, sħaqt dwar ir-responsabbiltà li għandna bħala mexxejja biex naħdmu favur il-paċi u s-sigurtà fid-dinja, b'referenza partikolari għall-gwerer fl-Ukrajna u f'Gaża. Tkellimt ukoll dwar it-tibdil fil-klima, u l-iżvilupp rapidu tal-intelliġenza artifiċjali u l-isfidi li dan qed joħloq għall-gvernijiet.
Id-delegazzjoni li akkumpanjatni għall-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti kienet komposta minn 11-il persuna u l-ispiża totali kienet tammonta għal €118,800.39.

Seduta Numru 39
16/11/2026

KONTINĠENT MALTI F'NEW YORK – SETTEMBRU 2026

5219. L-ONOR. MICHAEL PICCININO staqsa lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 2969, 3303, 3497, 4175 u 4746 u jgħid f'kemm persuni kien jikkonsisti l-kontinġent Malti li attenda għall-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u/jew laqgħat oħra fi New York f'Settembru 2026? Jista' jipprovdi lista tal-persuni kollha li ffurmaw parti minn dan il-kontinġent, filwaqt li jindika l-kariga, ir-rwol u l-ministeru jew l-entità li kull persuna kienet qed tirrappreżenta jew li ġew ingaġġati minnha? Jista' jgħid ukoll kemm kienet l-ispiża totali ta' din iż-żjara, kemm dik imħallsa kif ukoll dik li għadha dovuta, b'rendikont separat tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar, l-akkomodazzjoni, it-trasport u spejjeż oħra?

10/11/2026

ONOR. CHRIS FEARNE: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għar-risposta tal-mistoqsija parlamentari 5217.

Seduta Numru 39
16/11/2026

KONTINĠENT MALTI F'NEW YORK – SETTEMBRU 2026

5220. L-ONOR. MICHAEL PICCININO staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 2968, 3302, 3496, 4174 u 4747 u jgħid f'kemm persuni kien jikkonsisti l-kontinġent Malti li attenda għall-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u/jew laqgħat oħra fi New York f'Settembru 2026? Jista' jipprovdi lista tal-persuni kollha li ffurmaw parti minn dan il-kontinġent, filwaqt li jindika l-kariga, ir-rwol u l-ministeru jew l-entità li kull persuna kienet qed tirrappreżenta jew li ġew ingaġġati minnha? Jista' jgħid ukoll kemm kienet l-ispiża totali ta' din iż-żjara, kemm dik imħallsa kif ukoll dik li għadha dovuta, b'rendikont separat tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar, l-akkomodazzjoni, it-trasport u spejjeż oħra?

10/11/2026

ONOR. ROBERT ABELA: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 5218.

Seduta Numru 39
16/11/2026

PENSJONANTI LI GĦANDHOM PENSJONI TA' €37,624 FIS-SENA

5258. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4970 u jgħid kemm huwa n-numru ta' pensjonanti li għandhom pensjoni ta' €37,624 fis-sena?

10/11/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Ninforma lill-Onor. Interpellant, li l-ammont ikkwotat minnha huwa b'rabta mal-miżura tat-taxxa fuq il-pensjoni, liema miżura imsemmija, tikkonċerna kull pensjoni li potenzjalment tista' titħallas u mhux biss tas-sigurtà soċjali. Dawn jinkludu wkoll pensjonijiet privati, tas-servizz u oħrajn. Eluf ta' pensjonanti jirċievu aktar minn pensjoni waħda, u dawn kollha ikunu qed igawdu mill-miżura jekk tqabbel mas-sitwazzjoni kif kienet sal-2015, u mhux biss dawk li jista' jkun għandhom pensjonijiet fl-ammont imsemmi jew iżjed.

Barra minn hekk, id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali ma jkollux l-informazzjoni dwar kull pensjoni li residenti Maltin ikunu qed jirċievu għaliex jista' jkun xi ħadd għadu mhux jirċievi pensjoni tas-sigurtà soċjali jew it-tip ta' pensjoni li jirċievi ma taffettwax il-pensjoni tas-sigurtà soċjali.

Seduta Numru 39
16/11/2026

PBS – KONTIJIET AWDITJATI

5263. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-kontijiet awditjati tal-Public Broadcasting Services (PBS) Limited għas-sena li għaddiet?

10/11/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-kontijiet awditjati għas-sena li għaddiet jkunu jistgħu jingħataw wara li jiġu approvati mil-Laqgħa Ġenerali Annwali.

Seduta Numru 39
16/11/2026

KAWŻI GĦAS-SENTENZA PENDENTI

5264. L-ONOR. NIGEL VELLA staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3092 u jagħti l-ammont eżatt ta' kawżi għas-sentenza pendenti li għandu kull Imħallef u Maġistrat u għal kull ġudikant jikklassifikahom f'kemm minnhom ilhom pendenti inqas minn sena, bejn sena u sentejn, bejn sentejn u tlieta, bejn tliet snin u erbgħa, bejn erba' snin u ħamsa, u aktar minn ħames snin?

10/11/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra tabella b'informazzjoni miġbura sat-12 t'Ottubru 2026.

Seduta Numru 39
16/11/2026

INKJESTI PENDENTI

5265. L-ONOR. NIGEL VELLA staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jelenka kemm huwa l-ammont ta' inkjesti pendenti quddiem l-erba' Maġistrati li jieħdu ħsieb dawn l-inkjesti, minn meta l-inkjesti ġew miftuħa, maqsuma sena b'sena?

10/11/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba tinsab fit-tabella hawn taħt.
Rimarka: Mill-1 ta' April 2024, ġew assenjati erba' Maġistrati esklussivament fuq it-tmexxija tal-Inkjesti Maġisterjali. Kif rifless fl-istatistika li tkopri l-perjodu mill-2024 sal-lum, turi li ngħalaq numru sostanzjali ta' inkjesti. Sussegwentement, l-informazzjoni tas-sena 2026 tkopri sal-aħħar ta' Ottubru 2026.

Sena	**2022**	**2023**	**2024**	**2025**	**2026**
Inkjesti ġodda	888	775	774	774	605
Inkjesti magħluqa	658	714	939	1392	688
Pendenti	1656	1598	1514	803	1188

Seduta Numru 39
16/11/2026

TCNS – NEGOZJI MALTIN

5270. L-ONOR. MIRIANA CALLEJA TESTAFERRATA DE NOTO staqsiet lill-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4920 u jgħid kemm huwa n-numru ta' negozji Maltin, partikolarment fost l-intrapriżi żgħar u medji, li jimpjegaw ċittadini minn pajjiżi terzi (TCNs)? Jista' jgħid ukoll jekk il-Gvern wettaqx analiżi dwar il-kontribut ta' dawn il-ħaddiema għall-produttività, it-tkabbir ekonomiku u s-sostenibbiltà tal-operat tan-negozji Maltin, u jqiegħed kopja tagħha fuq il-Mejda tal-Kamra?

11/11/2026

ONOR. SILVIO SCHEMBRI: Nitlob l-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija parlamentari lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 39
16/11/2026

TCNS – TAXXA FUQ ID-DĦUL U KONTRIBUZZJONIJIET TAS-SIGURTÀ SOĊJALI MĦALLSA

5271. L-ONOR. MIRIANA CALLEJA TESTAFERRATA DE NOTO staqsiet lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4921 u jagħti rendikont tat-total ta' taxxa fuq id-dħul u kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali mħallsa minn ċittadini minn pajjiżi terzi (TCNs) impjegati f'Malta u Għawdex matul dawn l-aħħar tliet snin, maqsuma sena b'sena? Jista' wkoll jindika x'perċentwal dawn jirrappreżentaw mit-total tad-dħul miġbur minn dawn is-sorsi?

11/11/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba, maħruġa mill-informazzjoni li l-Amministrazzjoni tat-Taxxa u d-Dwana rċeviet taħt il-Final Settlement System, hija ppreżentata fit-tabella li ġejja:

Sena	Total ta' Taxxa	Perċentwal	Kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali (employee share)	Perċentwal
2023	115,687,438	9.40%	69,462,564	15.17%
2024	160,604,030	11.14%	91,710,717	18.02%
2025	176,797,432	12.01%	110,417,280	20.63%

Seduta Numru 39
16/11/2026

TCNS – INFERMIERA U ĦADDIEMA FIL-KURA (CARERS)

5272. L-ONOR. MIRIANA CALLEJA TESTAFERRATA DE NOTO staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4922 u jgħid kemm huwa n-numru ta' infermiera u ħaddiema fil-kura (carers) minn pajjiżi terzi (TCNs) impjegati fis-servizzi tas-saħħa pubbliċi f'Malta u Għawdex, b'rendikont skont il-faċilità? Jista' wkoll jindika x'perċentwal tal-persunal f'dawn il-karigi huwa magħmul minn TCNs u kemm kienu l-postijiet vakanti f'dawn il-karigi li mtlew minn TCNs matul l-aħħar sentejn?

11/11/2026

ONOR. IAN BORG: L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 39
16/11/2026

SERVIZZI GĦALL-PROTEZZJONI TAT-TFAL - KAŻIJIET RELATATI MAL-PROTEZZJONI TAT-TFAL - LISTA TA' STENNIJA

5273. L-ONOR. MIRIANA CALLEJA TESTAFERRATA DE NOTO staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 5020 u jgħid kemm huwa n-numru ta' każijiet relatati mal-protezzjoni tat-tfal li kienu għadhom fuq il-lista ta' stennija tas-Servizzi għall-Protezzjoni tat-Tfal sal-aħħar ta' Ottubru 2026? Jista' wkoll jipprovdi rendikont ta' kemm ilhom jistennew dawn il-każijiet, inkluż kemm ilhom aktar minn sitt xhur u aktar minn sena, u jindika x'inhu l-itwal żmien ta' stennija rreġistrat?

11/11/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li hija *policy* tal-FSWS li l-istatistika ġenerali tagħha tkun ippubblikata darbtejn fis-sena. Jiġifieri f' Ottubru ta' kull sena fejn jirrapporta dwar l-ewwel sitt xhur ta' dik is-sena partikolari u f' April ta' kull sena fejn ikun irrappurtat l-andament tas-sena preċedenti sħiħa minn Jannar sa Diċembru. Dwar listi ta' stennija, il-*policy* hija li din l-informazzjoni tkun ippubblikata fit-tmiem ta' kull sena ħalli jkun hemm il-possibbiltà li jiġi evalwat l-andament fuq sena sħiħa.
Infakkar li kien dan il-Gvern li daħħal trasparenza sħiħa fuq dan is-suġġett sensittiv u beda jitkellem fl-apert dwar din il-materja. L-aħħar rapport annwali jista' jinkiseb minn fuq is-sit elettroniku tal-FSWS.

Seduta Numru 39
16/11/2026

PROPRJETAJIET RESIDENZJALI TAL-GVERN - AKKOMODAZZJONI SOĊJALI

5274. L-ONOR. MIRIANA CALLEJA TESTAFERRATA DE NOTO staqsiet lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 5021 u jgħid kemm proprjetajiet residenzjali tal-Gvern intiżi għall-akkomodazzjoni soċjali kienu għadhom vojta sal-aħħar ta' Ottubru 2026? Jista' wkoll jipprovdi rendikont skont il-lokalità u jindika kemm minnhom ilhom vojta għal aktar minn sitt xhur, sena u sentejn, kif ukoll kemm jinsabu lesti biex jiġu allokati immedjatament?

11/11/2026

ONOR. OWEN BONNICI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li sal-aħħar ta' Ottubru 2026 kien hemm 69 proprjetà residenzjali tal-Gvern intiżi għall-akkomodazzjoni soċjali li kienu għadhom vojta u disponibbli għall-allokazzjoni. Minn dawn, 15 ilhom vojta inqas minn sitt xhur, 16 bejn sitt xhur u sena, 18 bejn sena u sentejn u 20 aktar minn sentejn.
Ta' min jinnota li fost ir-raġunijiet għaliex ċerti proprjetajiet jistgħu jibqgħu vojta għal perjodu ta' żmien hemm il-ħtieġa li jsiru xogħlijiet ta' manutenzjoni, tiswijiet jew interventi oħra meħtieġa sabiex dawn il-proprjetajiet ikunu fi stat adegwat qabel ma jiġu allokati lill-benefiċjarji.

Seduta Numru 39
16/11/2026

PERMESSI TA' RESIDENZA – APPLIKAZZJONIJIET – ŻMIEN TA' PROĊESSAR

5277. L-ONOR. ANNABELLE CILIA staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 2947, 4566 u 4975 u jgħid x'kien iż-żmien medju li ħadet l-Aġenzija Identità biex tipproċessa u tiddeċiedi applikazzjonijiet għal permess ta' residenza matul is-snin 2024, 2025 u 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma skont il-kategorija tal-applikazzjoni? Jista' jgħid ukoll kemm ġew deċiżi applikazzjonijiet wara li skada ż-żmien statutorju stabbilit mil-liġi, u kemm applikazzjonijiet għadhom pendenti llum, lil hinn minn dak iż-żmien?

11/11/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba se tingħata f'seduta oħra

Seduta Numru 39
16/11/2026

KNEE REPLACEMENTS

5278. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 4251 u 5000 u jgħid kemm saru knee replacements fl-Isptar Mater Dei, l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex u sptarijiet privati mħallsin mill-Gvern, fix-xhur ta' Frar, Marzu, April, Mejju, Ġunju, Lulju, Awwissu u Settembru 2026?

11/11/2026

ONOR. IAN BORG: Ninsab infurmat li bejn Frar u Settembru 2026, is-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa wettaq 760 operazzjoni ta' knee replacements f'Malta u Għawdex. Is-servizz huwa kkumplimentat mis-settur privat skont il-ħtieġa.

Seduta Numru 39
16/11/2026

HIP REPLACEMENTS

5279. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 4252 u 5062 u jgħid kemm saru hip replacements fl-Isptar Mater Dei, l-Isptar Ġenerali t'Għawdex u sptarijiet privati mħallsin mill-Gvern, fix-xhur ta' Frar, Marzu, April, Mejju, Ġunju, Lulju, Awwissu u Settembru 2026?

11/11/2026

ONOR. IAN BORG: Ninsab infurmat li bejn Frar u Settembru 2026, is-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa wettaq 281 operazzjoni ta' hip replacements f'Malta u Għawdex. Is-servizz huwa kkumplimentat mis-settur privat skont il-ħtieġa.

Seduta Numru 39
16/11/2026

ENEMALTA – INSTALLAZZJONI TAD-DAWL FIT-TOROQ

5285. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk l-Enemalta hijiex responsabbli mill-installazzjoni tad-dawl fit-toroq (street lighting) li jkun qed isir għall-ewwel darba meta tinbena binja ġdida? Tista' tgħid ukoll jekk hemmx applikazzjonijiet biex jiġi installat tali dawl fi Triq tas-Sisla, is-Swatar, quddiem l-appartamenti tal-Gvern?

11/11/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li lampi ġodda f'żoni residenzjali huma responsabbiltà tal-Kunsill Lokali rispettiv. Il-proċedura hija li meta l-Kunsill Lokali jwaħħal lampi ġodda f'żoni residenzjali issir applikazzjoni lill-Enemalta biex wara li jkun sar ix-xogħol dawn jitqabbdu mal-linji tal-provvista tal-elettriku. Ninsab infurmata li l-Enemalta ma rċeviet l-ebda applikazzjoni simili fir-rigward tat-triq indikata f'din il-mistoqsija.

Seduta Numru 39
16/11/2026

KM MALTA AIRLINES – TITJIRIET LEJN LOURDES FI FRANZA

5286. L-ONOR. DARREN CARABOTT staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hemm titjiriet skedati u/jew chartered lejn Lourdes, fi Franza, u lura, minn meta bdiet topera l-linja nazzjonali tal-ajru KM Malta Airlines? Jekk iva, jista' jgħid kemm saru titjiriet u kemm inġarru passiġġieri kull sena?

11/11/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba hi skont it-tabella hawn taħt:

Sena	Numru ta' Chartered Flights	Total ta' Passiġġieri
2024	16	1402
2025	12	1128
2026	16	1388

Seduta Numru 39
16/11/2026

KM MALTA AIRLINES – TITJIRIET DIRETTI LEJN LOURDES, FI FRANZA

5287. L-ONOR. DARREN CARABOTT staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-kumpanija KM Malta Airlines għandhiex il-ħsieb li terġa' topera titjiriet diretti bl-iskeda jew chartered lejn Lourdes, fi Franza, u lura? Jekk iva, jista' jgħid jekk dawn it-titjiriet humiex ser ikunu skedati jew chartered, kemm ser isiru titjiriet, meta se jibdew u jieqfu, u kemm il-kumpanija KM Malta Airlines qiegħda tipprospetta li ġġorr passiġġieri? Jekk le, jista' jgħid x'inhi r-raġuni?

11/11/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-kumpanija nazzjonali tal-ajru, KM Malta Airlines, m'għandhiex il-ħsieb li topera titjiriet diretti skedati lejn Lourdes, fi Franza.

Fl-2027 il-kumpanija ser topera numru ta' chartered flights lejn Lourdes u it-tabella hawn taħt turi t-tqassim xahar b'xahar tas-servizzi chartered li ser topera, li tinkludi wkoll in-numru ta' passiġġieri li huwa stmat li ser jinġarru:

2027	Numru ta' Chartered Flights	Numru Totali Stmat ta' Passiġġieri
April	4	360
Mejju	4	360
Lulju	4	360
Awwissu	4	360

Seduta Numru 39
16/11/2026

BORD TAL-INĠUSTIZZJI – PROMOZZJONIJIET

5288. L-ONOR. DARREN CARABOTT staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: B'referenza għall-mistoqsijiet parlamentari 35863 u 35948 tal-14-il Leġislatura, jista' l-Ministru jgħid meta se jiġu ppubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern il-promozzjonijiet fir-rank ta' lieutenant, kaptan u maġġur li ġew deċiżi mill-aħħar Bord tal-Inġustizzji?

11/11/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi dawn jiġu ppubblikati ladarba jitlestew il-proċessi meħtieġa.

Seduta Numru 39
16/11/2026

L-IMTARFA – SQAQ IT-TOKK

5306. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid jekk Sqaq it-Tokk fl-Imtarfa huwiex proprjetà tal-Awtorità tal-Artijiet?

11/11/2026

ONOR. OWEN BONNICI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li bil-għan illi l-informazzjoni tkun waħda preċiża u korretta l-Onor. Interpellant qiegħed jiġi mitlub jipprovdi site plan li tindika il-post preċiż imsemmi.

Seduta Numru 39
16/11/2026

RAPPORT DWAR IL-POPOLAZZJONI

5360. L-ONOR. DARREN CARABOTT staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid min hu s-sid, ġaladarba huwa l-awtur, tar-rapport sħiħ dwar il-popolazzjoni li kien ipprepara u ppreżenta lill-Prim Ministru fl-2018?

12/11/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba mogħtija fil-mistoqsija parlamentari 5203.

Seduta Numru 39
16/11/2026

RAPPORT DWAR IL-POPOLAZZJONI – AĊĊESS

5361. L-ONOR. DARREN CARABOTT staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid min kellu aċċess għar-rapport sħiħ dwar il-popolazzjoni li kien ipprepara u ppreżenta lill-Prim Ministru fl-2018?

12/11/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba mogħtija fil-mistoqsija parlamentari 5203.

Seduta Numru 39
16/11/2026

MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET BIL-MIKTUB

TEKNOLOĠIJA ASSISTIVA – XIRI TA' PROGRAMMI

W816. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid xi programmi jeżistu għal xiri ta' teknoloġija assistiva? Tista' tgħid ukoll x'apparat jista' jinxtara permezz ta' dawn il-programmi u kemm ilhom fis-seħħ dawn il-programmi?

30/10/2026

ONOR. JULIA FARRUGIA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Access to Communication and Technology Unit (ACTU) ilha tagħmel parti mill-Aġenzija Sapport mill-2019. L-għan tal-ACTU huwa li tagħmel l-assessjar tal-persuni li jkollhom bżonn dan is-servizz, sabiex jiġu rrakkomandati soluzzjonijiet li jippermettu lill-individwu jikkomunika jew jaċċessa l-ambjent ta' madwaru.
Fir-rigward tal-għajnuna finanzjarja, il-persuni jiġu gwidati dwar l-iskemi ta' finanzjament disponibbli. Fost l-inizjattivi disponibbli hemm ukoll ftehim li permezz tiegħu jiġi pprovdut apparat mingħajr ħlas lill-benefiċjarji, fejn il-finanzjament jinqasam fuq bażi ta' 50% mill-Gvern u 50% mill-Malta Trust Foundation. Barra minn hekk, hemm ukoll l-Empowerment Scheme, li hija amministrata mill-Aġenzija Sapport u li tipprovdi appoġġ lill-persuni eliġibbli fl-akkwist ta' apparat u soluzzjonijiet assistivi.
F'Malta jeżistu wkoll servizzi oħra speċjalizzati fit-teknoloġija assistiva li jikkumplimentaw is-servizzi offruti mill-ACTU. Eżempju ta' dan huwa l-Foundation for Information Technology Accessibility (FITA), li tipprovdi teknoloġija assistiva u soluzzjonijiet ta' aċċessibbiltà diġitali għal persuni neqsin mid-dawl jew għomja.

Seduta Numru 39
16/11/2026

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU – DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €2,000

W902. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €2,000 li ngħataw mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Lulju 2026?

10/11/2026

ONOR. ROBERT ABELA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li kif weġibt f'diversi istanzi, l-entitajiet u d-dipartimenti tal-Gvern japplikaw ir-regoli għall-Offerti Dipartimentali u l-Metodi ta' Akkwist skont il-Valur tal-Kuntratt li joħorġu mill-Public Procurement Regulations.

Seduta Numru 39
16/11/2026

MINISTERU GĦAS-SAĦĦA – DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €2,000

W903. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €2,000 li ngħataw mill-Ministeru tiegħu, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Lulju 2026?

10/11/2026

ONOR. IAN BORG: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-entitajiet u d-dipartimenti tal-Gvern japplikaw ir-regoli għall-Offerti Dipartimentali u l-Metodi ta' Akkwist skont il-Valur tal-Kuntratt joħorġu mill-Public Procurement Regulations.

Seduta Numru 39
16/11/2026

MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI U L-ARTIJIET – DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €2,000

W904. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €2,000 li ngħataw mill-Ministeru tiegħu, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Lulju 2026?

10/11/2026

ONOR. OWEN BONNICI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-entitajiet u d-dipartimenti tal-Gvern japplikaw ir-regoli għall-Offerti Dipartimentali u l-Metodi ta' Akkwist skont il-Valur tal-Kuntratt li joħorġu mill-Public Procurement Regulations.

Seduta Numru 39
16/11/2026

MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U L-FAMILJA – DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €2,000

W905. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €2,000 li ngħataw mill-Ministeru tiegħu, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Lulju 2026?

10/11/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-entitajiet u d-dipartimenti tal Gvern japplikaw ir-regoli għall-Offerti Dipartimentali u l-Metodi ta' Akkwist skont il-Valur tal-Kuntratt joħorġu mill-Public Procurement Regulations.

Seduta Numru 39
16/11/2026

MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U L-PROVVISTA TAL-IKEL – DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €2,000

W906. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €2,000 li ngħataw mill-Ministeru tiegħu, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Lulju 2026?

10/11/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-entitajiet u d-dipartimenti tal-Gvern japplikaw ir-regoli għall-Offerti Dipartimentali u l-Metodi ta' Akkwist skont il-Valur tal-Kuntratt joħorġu mill-Public Procurement Regulations.

Seduta Numru 39
16/11/2026

MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IT-TEKNOLOĠIJA U PROĠETTI STRATEĠIĊI – DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €2,000

W907. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €2,000 li ngħataw mill-Ministeru tiegħu, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Lulju 2026?

10/11/2026

ONOR. SILVIO SCHEMBRI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-entitajiet u d-dipartimenti tal-Gvern japplikaw ir-regoli għall-Offerti Dipartimentali u l-Metodi ta' Akkwist skont il-Valur tal-Kuntratt joħorġu mill-Public Procurement Regulations.

Seduta Numru 39
16/11/2026

MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI U L-VOLONTARJAT – DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €2,000

W908. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €2,000 li ngħataw mill-Ministeru tagħha, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tagħha matul Lulju 2026?

10/11/2026

ONOR. JULIA FARRUGIA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-entitajiet u d-dipartimenti li huma fid-dekasteru tal-Ministeru, japplikaw ir-regoli għall-Offerti Dipartimentali u l-Metodi ta' Akkwist skont il-Valur tal-Kuntratt li joħorġu mill-Public Procurement Regulations.

Seduta Numru 39
16/11/2026

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U L-ISPORT – DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €2,000

W910. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €2,000 li ngħataw mill-Ministeru tiegħu, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Lulju 2026?

10/11/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-entitajiet u d-dipartimenti tal-Gvern japplikaw ir-regoli għall-Offerti Dipartimentali u l-Metodi ta' Akkwist skont il-Valur tal-Kuntratt joħorġu mill-Public Procurement Regulations.

Seduta Numru 39
16/11/2026

MINISTERU GĦALL-ENERĠIJA, L-AMBJENT U R-RIĠENERAZZJONI TAL-PORT IL-KBIR – DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €2,000

W911. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €2,000 li ngħataw mill-Ministeru tagħha, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tagħha matul Lulju 2026?

10/11/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li kif weġibt f'diversi istanzi, l-entitajiet u d-dipartimenti li huma fid-dekasteru tal-Ministeru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir, japplikaw ir-regoli għall-Offerti Dipartimentali u l-Metodi ta' Akkwist skont il-Valur tal-Kuntratt li joħorġu mill-Public Procurement Regulations.

Seduta Numru 39
16/11/2026

MINISTERU GĦALL-FINANZI – DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €2,000

W912. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €2,000 li ngħataw mill-Ministeru tiegħu, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Lulju 2026?

10/11/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Nitlob lill-Onor. Interpellant li l-entitajiet u d-dipartimenti tal-Gvern japplikaw ir-regoli għall-Offerti Dipartimentali u l-Metodi ta' Akkwist skont il-Valur tal-Kuntratt joħorġu mill-Public Procurement Regulations.

Seduta Numru 39
16/11/2026

MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI – DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €2,000

W913. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €2,000 li ngħataw mill-Ministeru tiegħu, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Lulju 2026?

10/11/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-entitajiet u d-dipartimenti li huma fid-dekasteru tal-Ministeru, japplikaw ir-regoli għall-Offerti Dipartimentali u l-Metodi ta' Akkwist skont il-Valur tal-Kuntratt li joħorġu mill-Public Procurement Regulations.

Seduta Numru 39
16/11/2026

MINISTERU GĦALL-INFRASTRUTTURA, L-IPPJANAR U X-XOGĦOL – DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €2,000

W914. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €2,000 li ngħataw mill-Ministeru tiegħu, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Lulju 2026?

10/11/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li kif weġibt f'diversi istanzi, l-entitajiet u d-dipartimenti li huma fid-dekasteru tal-Ministeru, japplikaw ir-regoli għall-Offerti Dipartimentali u l-Metodi ta' Akkwist skont il-Valur tal-Kuntratt li joħorġu mill-Public Procurement Regulations.

Seduta Numru 39
16/11/2026

MINISTERU GĦAT-TURIŻMU – DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €2,000

W915. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €2,000 li ngħataw mill-Ministeru tiegħu, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Lulju 2026?

10/11/2026

ONOR. JO ETIENNE ABELA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li kif weġibt f'diversi istanzi, l-entitajiet u d-dipartimenti li huma fid-dekasteru tal-Ministeru għat-Turiżmu, japplikaw ir-regoli għall-Offerti Dipartimentali u l-Metodi ta' Akkwist skont il-Valur tal-Kuntratt li joħorġu mill-Public Procurement Regulations.

Seduta Numru 39
16/11/2026

MINISTERU GĦALL-MOBBILTÀ SOSTENIBBLI – DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €2,000

W916. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €2,000 li ngħataw mill-Ministeru tiegħu, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Lulju 2026?

10/11/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-entitajiet u d-dipartimenti li huma fid-dekasteru tal-Ministeru għall-Mobbiltà Sostenibbli, japplikaw ir-regoli għall-Offerti Dipartimentali u l-Metodi ta' Akkwist skont il-Valur tal-Kuntratt li joħorġu mill-Public Procurement Regulations.

Seduta Numru 39
16/11/2026

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ – DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €2,000

W917. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €2,000 li ngħataw mill-Ministeru tiegħu, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Lulju 2026?

10/11/2026

ONOR. CHRIS FEARNE: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-entitajiet u d-dipartimenti li huma fid-dekasteru tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej japplikaw ir-regoli għall-Offerti Dipartimentali u l-Metodi ta' Akkwist skont il-Valur tal-Kuntratt li joħorġu mill-Public Procurement Regulations.

Seduta Numru 39
16/11/2026

MINISTERU GĦALL-GVERN LOKALI U X-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI – DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €2,000

W918. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €2,000 li ngħataw mill-Ministeru tagħha, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tagħha matul Lulju 2026?

10/11/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-entitajiet u d-dipartimenti tal-Gvern li huma fid-dekasteru tal-Ministeru għall-Gvern Lokali u Xogħlijiet Pubbliċi japplikaw ir-regoli għall-Offerti Dipartimentali u l-Metodi ta' Akkwist skont il-Valur tal-Kuntratt li joħorġu mill-Public Procurement Regulations.

Seduta Numru 39
16/11/2026

MINISTERU GĦALL-FONDI EWROPEJ, ID-DJALOGU SOĊJALI U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR – DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €2,000

W919. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €2,000 li ngħataw mill-Ministeru tiegħu, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Lulju 2026?

10/11/2026

ONOR. KEITH AZZOPARDI TANTI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-entitajiet u d-dipartimenti li huma fid-dekasteru tal-Ministeru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur japplikaw ir-regoli għall-Offerti Dipartimentali u l-Metodi ta' Akkwist skont il-Valur tal-Kuntratt li joħorġu mill-Public Procurement Regulations.

Seduta Numru 39
16/11/2026

MINISTERU GĦALL-INTERN U S-SIGURTÀ – DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €2,000

W920. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €2,000 li ngħataw mill-Ministeru tiegħu, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Lulju 2026?

10/11/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-entitajiet u d-dipartimenti li huma fid-dekasteru tal-Ministeru għall-Intern u s-Sigurtà japplikaw ir-regoli għall-Offerti Dipartimentali u l-Metodi ta' Akkwist skont il-Valur tal-Kuntratt li joħorġu mill-Public Procurement Regulations.

Seduta Numru 39
16/11/2026

MINISTERU GĦALL-ARTI, IL-KULTURA U L-WIRT NAZZJONALI – DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €2,000

W921. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €2,000 li ngħataw mill-Ministeru tiegħu, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Lulju 2026?

10/11/2026

ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li kif weġibt f'diversi istanzi, l-entitajiet u d-dipartimenti li huma fid-dekasteru tal-Ministeru għall-Kultura, japplikaw ir-regoli għall-Offerti Dipartimentali u l-Metodi ta' Akkwist skont il-Valur tal-Kuntratt li joħorġu mill-Public Procurement Regulations.

Seduta Numru 39
16/11/2026

MINISTERU GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IL-BENESSERI U L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMM ELETTORALI – DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €2,000

W922. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għaż-Żgħażagħ, il-Benesseri u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €2,000 li ngħataw mill-Ministeru tiegħu, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Lulju 2026?

10/11/2026

ONOR. OMAR FARRUGIA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-entitajiet u d-dipartimenti tal-Gvern japplikaw ir-regoli għall-Offerti Dipartimentali u l-Metodi ta' Akkwist skont il-Valur tal-Kuntratt li joħorġu mill-Public Procurement Regulations.

Seduta Numru 39
16/11/2026

MINISTERU GĦALL-UGWALJANZA U D-DRITTIJIET ĊIVILI – DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €2,000

W923. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Ugwaljanza u d-Drittijiet Ċivili: Tista' l-Ministru tagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €2,000 li ngħataw mill-Ministeru tagħha, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tagħha matul Lulju 2026?

10/11/2026

ONOR. ROSIANNE CUTAJAR: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-entitajiet u d-dipartimenti tal Gvern japplikaw ir-regoli għall-Offerti Dipartimentali u l-Metodi ta' Akkwist skont il-Valur tal-Kuntratt joħorġu mill-Public Procurement Regulations.

Seduta Numru 39
16/11/2026